# IL-BAXA TA' ISTANBUL

## KUMMIEDJA BRILLANTI

FI TLIET ATTI

TA'

LOUIS BUTTIGIEG

JIEĦU SEHEM

| | | |
|---|---|---|
| | | Ellul |
| Harum Abu Hasan.......... | Baxa ta' Istanbul | Andrea |
| Selika.................... | Ohtu | Vit. Galea |
| Zufaga.................... | L-gharusa tal-Baxa | T. Bezzina |
| Fezan El Areb............ | Fidil tal-Baxa | J. Navarro |
| Kamal El Buzeid.......... | Siehbu | J. [illegible] |
| Saledi Ben Mahmud........ | Kmandant | Stephen Z. Cord. |
| Ibrahim.................. | Qaddej | Victor Portughes |

Dir. [illegible]

6.30 pm.

2/3 October

-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-

# L-EWWEL ATT

Ix-xena tirrapprezenta sala Gharbija, mgbammra b'sufan, pultruni, bankétti, mhaded, ecc. Ikun hemm bieb fin-nofs, iehor fil-gemb lemin u iehor fil-gemb xellug.

----------

## XENA 1

### HARUM, ZURAGA, U SELIKA

SELIKA: Harum Abu Hasan lil Fezan bghaddtu x'imkien?

HARUM: Iva, Selika, imma nahseb li ma jdumx ma jigi.

SELIKA Mhux sewwa, taf, ghal kull ma jincala' tibghat lill-gharus tieghi.

HARUM: Hekk kien hemm bzonn ohti. Imbaghad mhux wahdu mar. Baghddtu ma' Kamal El Buzeid.

ZURAGA Dejjem l-istess tnejn tibghat, ja sidi.

HARUM: Tssew, Zuraga, imma jien fihom l-aktar li nafda. Huma l-fidili tieghi.

SELIKA Harum, jiena sejra fil-kmamar tieghi jekk jghogbok kif jigi ibaghat gharrafni.

HARUM: Tiehux hsieb.

(Selika tohrog mill-gemb xellug)

HARUM: Ohti Selika thobbu wisq lil Fezan El Areb.

ZURAGA Mhux hekk xieraq, ja sidi? Bhala gharus taghha ghandha thobbu. Ara jien ghax int l-gharus tieghi, lilek l-izjed li nhobb.

HARUM: Zuraga, ghid is-sew, kemm thobbni?

ZURAGA Daqs kemm hi kbira l-imhabba li ghandi lejk, l-anqas nista nfissirha. Ara x'unur kbir se jkun ghalija, meta nsir il-mara tal-Baxa ta' Istanbul!

HARUM: Zuraga!

ZURAGA: Ghidli Harum Abu Hasan

HARUM: Emminni li meta nara kemm thobbni, jaqbizli d-dmugh minn ghajnejja.

ZURAGA Nemmnek ghaziz tieghi, ghax qalbek zghira wisq.

HARUM: Veru, izghar minn bettieha.

## XENA II

### IBRAHIM U L-OHRAJN, WARA FEZAN U KAMAL

(Jidhol min nofs lemin)

IBRAHIM JA sidi, hawn Fezan El Areb u Kamal El Buzeid

HARUM Jghaddu malajr.

IBRAHIM: Iva, ja sidi.

(Isellem u johrog min nofs lemin)

ZURAGA: Se nhallikhom wahdkhom, xemx li ddawwal il-belt kollha ta' Istanbul.

HARUM: Mur, zinzla ta' qalbi.

NTER

(Tohrog mill-gemb lemin u min nofs lemin jidhlu Fezan u Kamal)

FEZAN: Sliem ghalik, ja sidi, Baxa qalbieni ta' Istanbul

KAMAL: Sliem ghalik ja kewkba tal-Orjent.

HARUM X'ahbarijiet gibtuli?

FEZAN: Ahbarijiet koroh, ja sidi.

KAMAL: Ahbarijiet tal-wahx.

HARUM: Fittxu ghiduli x'gara.

FEZAN: Ja sidi, hajtek imdendla f'xaghra.

KAMAL: F'ghanqbuta trid tghid.

HARUM: FEhmuni sew, qabel ma nitlef sabri.

FEZAN: Sirna nafu minn imkejjen ta' min jorbot fuqhom, u li fuqhom m'ghandniex kontroll li l-Kmandant Saledi Ben Mahmud, qieghed jindiehes mas-Sultan Abdel Ben Ali u qed ixewwxu kontra tieghek

HARUM: Ixewwex kontrija mas-Sultan! Dan ghala?

KAMAL: Biex jilhaq Baxa minn flokok.

HARUM: Imma jien qatt ma ghamiltlu deni.

FEZAN: Minhabba Zuraga tieghek.

KAMAL: Ghax il-Kmandant Saledi kien gharus ta' Zuraga, qabel thgarrasta int u biex jerga jehodielek, lesta pjan tal-biza....jifigifieri joqtlok.

HARUM: Joqtolni' Imma jien ma rridx immut. Fezan, Kamal, ahsbu. Ghiduli x'ghandi naghmel. Qisu li l-parir li ttuni jkun tajjeb, ghax raskhom taghmel tajjeb

FEZAN: (Imiss rasu) Imma, ja sidi, ahna....

KAMAL: Ahna xi htija g andna, ja sidi?

HARUM: AHsbu!!!

FEZAN: (Pawsa) Ara min jaf kieku? Iva, hekk naghmlu. Ara jekk inti tehodlu l-gharusa, hu jehodlok hajtek, mhux hekk?

HARUM
KAMAL: Dan zgur.

30

FEZAN: Int ghandek ~~xi~~ tletin mara u fosthom hemm hafna li huma isbah minn Zuraga, mhux hekk?

HARUM
KAMAL Dan zgur

FEZAN: Fl-istess hin, mhux unur tieghek, ikollok gharusa li qabel kienet gharusa ta' semplici Kmandant.

HARUM
KAMAL: Dan zgur.

FEZAN: Allura nhallih jehodha u jispicca kollox b'wicc il-gid.

HARUM
KAMAL : Dan zgur

HARUM: Fezan El Areb, int ragel gharef. Int ragel kbir

FEZAN: Nizzikhajr, ja sidi Harum Abu Hasan.

KAMAL (fil-gemb) Tghid xejn, hlisniha.

HARUM: Fezan, int mohh tal-ghaggeb!...Imma stenna ftit, jien il-Kbir Baxa ta' Istanbul, ghandi ncedi ghal semplici Kmandant! Dan tghidlu parir tajjeb.

FEZAN
KAMAL Eh!!!

HARUM: Jekk lil Zuraga irridha jien, kif jigi hmar bhalek u jghidli biex incediha lil Kmandant Saledi Ben Mahmud?

FEZAN: Imma, ja sidi....

HARUM: Se nitfagghkhom fiz-zejt jaghli!

KAMAL: Iva, stenna ftit, ja Ragun tal-Misilmin.

FEZAB: Aghtina ftit taz-zmien iehor, ja cawla ta' l-inkoshin

KAMAL: Hsibta, ja sidi. Hsibta.

HARUM: Xi hsibt, Kamal?

KAMAL: Dan il-parir ghandu joghgbok zgur. Il-Kmandant Saledi Ben Mahmud, ghandu jigi hawn illum, hux tassew?

HARUM: Iva u fittex ghidli ghax telghin!

KAMAL: Ifhimni, kbir Baxa li twerwer Istanbul...

FEZAN: (fil-gemb) Min ghalik!

KAMAL: Meta jasal il-Kmandant Saledi, ghamel ta' bir-ruhek li ma taf xejn b'dak li ghandu f'rasu.

HARUM: Imbaghad?

KAMAL: Ftit velenu fl-inbid u tehles minnu helu, helu. Eh, xi tghid?

HARUM: (Jahseb) Taf li ghandek ragun? Taf li hekk se naghmel? Kamal, ma hawnx bhalek. Int u Fezan tistghu tissejhu zewg genji. (Pawsa) Fezan, Kamal, tafu li rega bdieli?

FEZAN
KAMAL; Xi inhu!!!

HARUM: Se naqtalkhom raskhom!

FEZAN: Iva, hallina nahsbu ftit.

KAMAL: Aghtina minuta zmien.

HARUM: Tajjeb, imma din se tkun tal-ahhar.

Tawzija (Fezan u Kamal jitkellmu bejniethom)

FEZAN: Ja sidi, min jaf kieku lill-ibnek iggaghlu jitgharras kil ~~Lejla~~, bint il-Kmandant Saledi? Jghidu li ~~Lejla~~ hi wahda mill-isbah tfajliet li hawn f'Istanbul. Tawzija

KAMAL: Jekk li qed nahsbu jsehh, dan l-inkwiet jispicca zguf. Meta taghzel lill-bintu bhala gharusa ta' ibnek, ikun giegh kbir ghalih. Xi tghid ja sidi?

HARUM: (Mieghu innifsu) Ngharras lil bintu ma' ibni. (Lil Kamal) Ma' ibni....liema minnhom, ghax jiena ghandi xi mija u ghoxrin.

FEZAN: Liz-zghir, ja sidi. Lil Nadir, boelu dardu!

HARUM: Tafu li nahseb li ghandkhom ragun?

FEZAN: U nghid li ghandna! Ahjar minn hekk m'hemmx xi jsir.

HARUM: Ibni jitgharras lill-bintu u Zuraga tibqa' ghalija. Bravi kemm hsibtuha tajjeb! Imma kemm inthom ghorrief!

FEZAN: (Fil-gemb) Wicc ta' mgharraq, qisu raddiena!

KAMAL: Mhux bilfors inkunu ghorrief, meta qeghdin naghmluha mieghek!

HARUM: Fezan, Kamal, jien se nirtira ftit. Qisu li tibgghu fil-Palazz.

FEZAN: Kif tamar int, ja sidi. Salaam.

KAMAL: SAlaam, gharef ta ghorrief.

(Harum jobrog min-nofs xellug)

KAMAL: Wicc ta' musbieh, ghal ftit ma tefaghnix fiz-zejt jaghli! X'vizzju ghandu, kemm hu ikrah! Ghal kull haga ta' xejn, ikun irid jitfilna x-xema.

FEZAN: Imma tieghiaktar kbira, Kamal; ghax bhala l-gharus ta' ohtu Selika, imissu jimxi mieghi ahjar.

KAMAL: Imma xi trid taghmel Fezan? Ikollna niehdu pacenzja. Halli mmur ftit hdejn il-kok.

FEZAN: Mur, Kamal, mur.

(Johrog min-nofs xellug)

XENA III

FEZAN U ZURAGA

(Tidhol mill-gemb lemin)

ZURAGA: Sliem ghalik, Fezan El Areb.

FEZAN: Sliem ghalik, Zuraga. Ghandek bzonn xi haga?

ZURAGA: Iva, irrid noqghod nitkellem ftit mieghek.

FEZAN: Qaddej tieghek dejjem.

ZURAGA: (Wara li toqghod bil-qeghda fuq is-sufan) Fezan, ejja ma' gembi.

FEZAN: Eh? Mhux ahjar nooghod hawn?

ZURAGA: Qed tibza minni? Jiena m'hinix se nootlok, Fezan.

FEZAN: Inti le, imma jekk jarani l-Baxa, jaghmilni tabakk tal-imnieher.

ZURAGA: Fezan, illum nixtieq niftah qalbi mieghek.

FEZAN: (Fil-gemb) Iva intant mieghi!

ZURAGA: FEzan, ejja hdejja.

(Fezan imur joqghod bil-qeghda hdejha)

FEZAN: (Fil-gemb) Tghidli qalbi bla ras se nispicca

ZURAGA: Fezan, ghalkemm tgharrast lill-Baxa, b'dana kollu ma nhobbux.

FEZAN: X'inhu! Ma thobbux!

ZURAGA: Le, ghax jiena nhobb lill-haddiehor.

FEZAN: Allura tgharras lill-haddiehor, x'kull wahda wkoll!

ZURAGA: Tabilhaqq. Ghalek gejt inkellem lilek dalghodu.

FEZAN: Lili, Zuraga? Jiena x'ghandi x'naqsam?

ZURAGA: (Iddawwar idha m'ghonqu) Kif! Ghadek ma ndunajt x?

FEZAN: U iskot Zuraga.

ZURAGA: Fezan ta' qalbi!

FEZAN: (Iqum) U Bizzejjed li ma tigix l-gharusa Selika u taghmilni zalzett!

ZURAGA: Ghalik lesta biex immut.

FEZAN: Le, le, tmut xejn. Jekk tibqa' hajja, nibqa haj jien ukoll.

ZURAGA: Fezan, jew tkun tieghi, jew immut. Noqtol lili nnifsi.

FEZAN: Ara ma taghmilx xi wahda bhal din! Ma tarax! Tmut hekk zghira, hekk sabiha...qisek xitla tal-habbazziz!

ZURAGA: Ejja hdejja.

FEZAN: Stenna ftit, ghax donni smajt min isejjahli.

(Ikun sejjer. Zuraga tmur taqbdu minn idu u tqeghdu bil-qeghda ma' genbha)

ZURAGA: Fezan, m'hintix tisma' t-tahbit qawwi ta' dil-qalb?

FEZAN: Le, ghax it-tnabar ta' widnejja zmangati!

ZURAGA: Ghidli li thobbni.

FEZAN: Iskot xitan li ma jismghekx xi hadd!

ZURAGA: Fezan, kemm inhobbok!

FEZAN: (Iqum) Iva, hawn tant lil min thobb, lili gejt taghzel!

ZURAGA: (tqum) Mawmettu jkun xhud tieghi, li lilek biss inhobb. Fezan, hena tal-holm tieghi! (Thaddnu)

## XENA IV
## SELIKA U L-OHRAJN

(Tidhol mill-gemb xellug. Fezan jintebah biha u taparsi jaqbad jizfen; (belly dance) idur u jigi f'posizzjoni li Zuraga ikollha ddur ukoll u b'hekk tintebah b'Selika u timitalil Fezan)

FEZAN: (Taparsi jintebah biha) Ara l-gharusa tieghi, Selika! L-ancas kont indunajt bik.

SELIKA. Nista' nkun naf x'int taghmel?

FEZAN: Ghax Zuraga thobbu wisq lill-huk, bilfors riditni nghallimha zifna, biex tizfinha quddiemu. Basta tarah ferhan.

SELIKA: IVA! Miskina, kemm thobbu!

ZURAGA: Ma ghandekx ideja. Mawmettu biss jaf.

FEZAN: (Fil-gemb) U jien.

SELIKA: Fezan El Areb, minn meta 'l hawn sirt taf tghallem iz-zfin?

FEZAN: Ehm...jiena! Uh, kemm ili! Min jaf kemm ghallimt! Lil Hamida jien ghallimtha. Qatt rajtu tizfen?

SELIKA: Le ma rajthiex.

FEZAN: (Fil-gemb) L-ancas jien.

ZURAGA: Taf li sal-bierah l-ancas kont naf li jaf jizfen daqshekk?

SELIKA: Tassew? Fidila wisq int! Zuraga, ara x'se nghidlek jiena ma jimpurtanix kemm thobb lil hija Harum; Jekk trid tizfen, izfen kemm trid, imqar sakemm tistordi, imma lil Fezan erhilu, fhimt?

FEZAN: (Fil-gemb) Grigal mar ir-rih!

ZURAGA: Selika, x'inti tahseb?

SELIKA: U int, Fezan, warrab rasek nerga narak!

FEZAN: Ghax qeghda tghidli hekk, hanini, inhobbok tant!

SELIKA: (tghajjat) Int brikkun!

FEZAN: Le, jahasra, sejra mqarrqa.

SELIKA: Iva, int brikkun....brikkun.

## DEHRA V
## HARUM U L-OHRAJN

(Jidhol min-nofs xellug waqt li Selika tkun tghajjat Brikkun)

HARUM: X'gara Selika?

SELIKA: X'gara? L-gharus tieghi, kien qed jghallem zifna lill-gharusa tieghek.

HARUM: X'inhu! X'ghidt issa?

ZURAGA: Ja sidi, ghax tant inhobbok, li riddtu jghallimni zifna gdida, biex meta nizfinha quddiemek, narak ferhan.

HARUM: Tassew! (Jinhall) Ahjma, dik Zuraga tieghi! Imma kemm thobbni!

SELIKA: Lest ahna nhall. Qisek karta xaham fix-xemx!

HARUM: (Ihabbat rigl jh) Selika!!!

SELIKA: Kieku kont ragel dan ma thallihx isir. Int tajthom permess?

HARUM: Fezan El Areb, int kellek permess?

FEZAN: GHAx...ghax, ja sidi....

HARUM: Int abbuzajt mit-tjubija tieghi.

FEZAN: Le, ja sidi.

SELIKA: Iva, abbuzajt.

HARUM: Fezan, se nitfak fiz-zejt jaghli.

FEZAN: (gharkuptejh quddiemu) Le, le, ja sidi, Harum Abu Hasan. Ahfirli, ja sidi. Ahfirli.

HARUM: Ghaz-zejt jaghli.

SELIKA: (Toajjem lil Fezan) Qum minn hemm. (Lil Harum) Harum Abu Hasan, int kif taghmel? X'jigifieri titgghu fiz-zejt jaghli? Mela Fezan tieghi xi ftira tal-bakkaljaw?

HARUM: Mhux int ghiddtli li abbuza?

SELIKA: Allufa b'daqshekk ghandek toqtlu? Jahasra, ara x'qata' taghjtu....Fezan....(tmellsu)

FEZAN: Kemm ili ma' huk, dejjem imsarni f'riglejja.

ZURAGA: Sewwa qed tghid Selika. Kullma ghamel ghax jirrispettak.

HARUM: Fezan, nahfirlek.

FEZAN: (fil-gemb) Ukoll!!!

HARUM: Fezan, isfel hemm in-nies li jigbru t-taxxi, sib lil siehbek Kamal u morru aghtu daqqa t'ghajn. Qisu li toqghodu b'seba' ghajnejn.

FEZAN: Kif jista' jkun, ja sidi?

HARUM: Ghala ma jistax ikun?

FEZAN: Ghax ahna erba' ghajnejn ghandna mhux seba' Tnejn kull wiehed.

HARUM: Tajjeb, mela oqghodu b'erba' ghajnejn.

FEZAN: Kif tamar int, ja sidi. Salaam. To Page 9

(Johrog min-nofs lemin)

ZURAGA: Kif thossok, mahbub ta' qalbi?

HARUM: Meta nara lilek inhossni qisni xitla tal-qronfol.

SELIKA: Meta tkun ilha maqtugha xi xahar u nofs.

(Tibqa' hierga mill-gemb xellug)

harum: (Ihabbat riglejh) Selika!!!!Fl-ahhar nispicca biex naghmilha sfinec!

ZURAGA: Tinkwetax rubek, qrenpucu ta' qalbi. (Pawsa) Isma, Harum, toqghodx tghajjat ma' ohtok Selika.

HARUM: U ghaliex ma ghandix nghajjat maghha?

ZURAGA: Ih, x'kull wahda! Mela insejt li jaghtuha l-hass hazinijiet u tintilef minn sensiha?

HARUM: Uh, ghax issa xebbghatni!

ZURAGA: Imma jehtieg li toqghod attent. Tinsiex li llum qamar kwinta u jekk itiha attakk bhal tal-ahhar darba, zgur tibqa' tahtu. Int trid li tkun kagun taghha?

HARUM: Ma tarax, Zuraga! L-anqas nohlom ma rrid!

ZURAGA: Mela isma' minni.

HARUM: Sewwa qeghda tghid. Darb'ohra noqghod attent.

ZURAGA: Harum Abu Hasan, dik holma li hlomt! Emminni li stembaht imwerwra.

HARUM: Htija tieghek. Ghiddtlek kemm il-darba, imma int ma tismax. L-ewwel tiekol kull ma ssib quddiemek,imbaghad tmur torqod. Mortx tiekol xi ikla bigilla?

ZURAGA: Le, Harum, l-ancas trejjaqt. Ma kilt xejn.

HARUM: TOrt tieghek. Ma kellekx torqod fuq stonku vojt. Int imissek taghmel bhali: imissek toqghod fuq il-qarabaghli.

ZURAGA: Jaqq! Biex nghaffgu!

HARUM: Uh, le, ma fhimtnix. Toqghod fuq il-qarabaghli, jigifieri tiekol hafna minnu. Taf li sahhti minn hekk gejja?

ZURAGA: Tassew Harum?

HARUM: Mela x'inhu! Mhux ghalhekk niekol hafna qarabaghli! Dak ma hawnx ahjar minnu. (Pawsa) Insomma xi hlomt?

ZURAGA: Hlomt li qeghda nara lilek mixhut mal-art u ragel m'oghla hawn b'ximitarra f'idu, lest biex idahhala f'zaqqek.

HARUM: F'zaqqi!

ZURAGA: Iva, Harum Abu Hasan. Imbaghad f'daqqa wahda jigi Fezan, Jaqbez fuqu, jaghtih daqqa ta' ponn u jibqa' minxur fl-art.

HARUM: Min? Fezan?

ZURAGA: Uh, le, x'Fezan! Dak ir-ragel.

HARUM: EH, eh. Bravu Fezan. Mela salvali hajti.

<u>DEHRA VI</u>

<u>IBRAHIM U L-OHRAJN, IMBAGHAD SALEDI</u>

<u>(Jidhol Ibrahim min nofs lemin)</u>

IBRAHIM Ja, sidi l-Baxa ta' Istanbul.

HARUM: X'inqala', Ibrahim?

IBRAHIM Hawn il-Kmandant Saledi Ben Mahmud.

HARUM: Ghidlu jghaddi.

IBRAHIM: Iva, ja sidi.

<u>(Jitbaxxa u johrog min nofs lemin. Mill-istess jidhol Saledi. Harum jaghmel sinjal lil Zuraga biex tohrog u din taghmel hekk mill-gemb xellug, qabel jidhol Saledi.)</u>

SALEDI: Sliem ghalik, ja sidi Harum Abu Hasan, Baxa qalbieni ta' Isabbul.

HARUM: Merhba bik. Tassew qed niehu gost narak.

SALEDI: Il-ferh huwa tieghi. Ferhan ghal giegh li ghamiltli bl-istedina tieghek u ferhan li narak dejjem qawwi u shih.

HARUM: Nista' nahseb, Saledi Ben Mahmud. (Fil-gemb) Veru mahmug.

SALEDI: Il-profeta biss jaf x'inhoss, meta nigi fil-palazz tieghek.

HARUM: (<u>Pawsa</u>) Saledi, xi tghidli ghall-armata?

SALEDI: Xi tridni nghidlek, kbir Baxa: kulhadd lest biex jiddefendik. Kliem bejnietna, ja sidi, ahna aktar inhobbu lilek milli nhobbu lis-Sultan.

HARUM: Eh, jien dejjem afdajt fuq il-fedelta' tieghek, Saledi Ben Mahmud.

SALEDI: GHalik, lest biex immut elf darba.

HARUM: Naf jien. U nghid li naf!!! Saledi, illum irrid noffrilek rigal.

SALEDI: Lili! Twajjeb izzejjed mieghi, ja sidi.

HARUM: Illum irridek taccetta li ibni Nadir, ikun l-gharus ta' binte: Leila.

SALEDI: Ibnek gharus ta' binti! Imma dan il-giegh hu kbir wisq!

HARUM: Naf li ghalija se jkun sagrificcju kbir, ninfired minn ibni. Tfal xi mija u ghoxrin biss ghandi, imma jiena naf kif ghandi npatti l-gid lil min iridli l-gid; bhal ma naf nithallas minn min iridli d-deni.

SALEDI: Ja sidi Harum Abu Hasan, inti taf li jien dejjem irridlek il-gid.

HARUM: Ih, mela ma nafx!

SALEDI: Emminni li ghandi mitt sena sakemm nara lill-binti u naghtiha l-ahbar sabiha.

HARUM: Nistghu nibghatu ghaliha.

SALEDI: Qalbek tajba wisq, ja sidi. Il-belt ta' Istanbul, ghandha biex tiftahar, meta ghandha lilek bhala Paxa.

HARUM: HAGA zghira hafna Saledi. Imxi halli nhejji n-nies biex imorru ghal bintek.

(Johorgu min nofs xellug)

XENA VII
KAMAL U SELIKA

(Jidhol Kamal min nofs xellug wara ftit Selika mill-gemb xellug)

SELIKA: Kamal! Kamal!

KAMAL: X'gara ja siddti Selika? Tidher li haddt xi qata' kbira.

SLIKA: Sewwa qed tara, Kamal. X'bicca gralna u x'bicca gralna!

KAMAL: Mela x'gara x'wahda din!

SELIKA: (Tolfoq) Jahasra, l-qattusa tal-Baxa qeghda tmut.

KAMAL: Eh, ghal qattusa? Uh, le, dik malajr jghaddilha

SLIKA: X'jghaddila, jahasra! Qeghda tferfer saqajha, tqarmec ghajnejha u tberraq sniena. Kamal, imxi ara xi gralha trid?

KAMAL: Jien! Mela jien tabib tal-qtates?

SLIKA: L-ahhar darba li taha l-attakk, int fejjaqtha.

KAMAL: Imma issa ma nistax nigi, ja siddti Selika. Emminni li ma nistax.

SLIKA: KIf ma tistax tigi issa? Allura thalliha tmut, pejxa bhal dik!

KAMAL: Tassew li ma nistax. Kieku se nonqsok mir-rispett, ja siddti Selika? Issa qed nistenna lil Fezan, ghax huk, il-Baxa Harum Abu Hasan gej ikellimna hawn.

SLIKA: B'daqshekk x'se jigri? Joqghod jistenna hija.

KAMAL: Iva! Hekk imissni naghmel, inhallih jistenna! Mela ma tafx li rasi irridha fuq ghonqi?

SELIKA: Kamal, lill-hija infehmu jien. Int ma ghandekx ghal fejn thabbel rasek.

KAMAL: Dan zgur, ghax ma jkollix ras x'inhabbel.

SELIKA: X'inhi din?

KAMAL: Ghax huk il-Baxa, ma joqghodx jistenna lilek. Nofs ta' kelma u rasi tinfired minn gismi.

SELIKA: Kif! Daqsekk qalbek hazina? Daqshekk tirrispettah lill-hija?

KAMAL: U ara kif taghmel! Min qallek li ma nirrispettahx?

SELIKA: Le, ma tirrispettahx. U se mmur insib lill-hija u nghidlu kollox.

KAMAL: Ara ma taghmixl xi wahda bhal din taf!

SELIKA: Mela imxi fejjed lill-qattusa.

KAMAL: Ara kemm qieghed tajjeb jien.!

SELIKA: Fuq kollox tinsiex kemm ihobbha l-qattusa tieghu

KAMAL: Minn daqshekk tassew, ghax nahseb li johlom biha. Qisu ghandu xi dijadema!

SELIKA: Mela fittex ejja, qabel tilhaqq tmut. (Iggebbdu)

KAMAL: Se tqallani xi wahda, ja siddti.

SELIKA: U imxi, qabel ikun tard wisq.

(Johorgu mill-gemb xellug)

XENA VIII

IBRAHIM, KAMAL IMBAGHAD FEZAN

(Min nofs lemin jidhol Ibrahim, fil-pront jerga jidhol jigri Kamal mill-gemb xellug)

Kamal: Ibrahim, ibqa' stenna hawn u kif jigi Fezan, ghidlu li qieghed ghand Selima.

IBRAHIM: Jaqaw gralha xi haga?

KAMAL: Iva, marret titma l-qattusa u hassha hazin.

IBRAHIM: Ih, miskina! Jaqaw tas-soltu?

KAMAL: Iva, Ibrahim, tas-soltu, u did-darba ma nafx tehlishiex.

IBRAHIM: Imma kemm hi risqha hazin! Kollox sew, kif jigi nghidlu

KAMAL: Tinsiex.

(Johrog jigri mill-genb xellug. Min-nofs lemin jidhol Fezan).

FEZAN: Ibrahim, rajtu lil Kamal?

Ibrahim: Issa ghadu kemm kien hawn. Qalli biex nghidlek tistennih ghax qieghed ghand siddtna Selika.

FEZAN: Mela nesa' li l-Baxa jridna nistennewh hawn?

IBRAHIM: Nahseb li jaf, imma....ghax....

FEZAN: Ibrahim ghal fejn qed ittemtem? Gara xi haga?

IBRAHIM: Manixtieqx nghidlek, imma la trid tkun taf....

FEZAN: Ejja, aqlaghha jekk ghandek. X'gara?

IBRAHIM: Siddtna Selika.....

FEZAN: X'inhu, Selika? Gralha xi haga?

IBRAHIM: Iva. Reqa' hassha hazin.

FEZAN: Hassha hazin!!! Jaqaw tas-soltu?

IBRAHIM: Iva...tas-soltu.

FEZAN: Donnu li qalbi hebritni. Din l-imgharrqa ta' marda ghad teqridha. Ma ndumx ma nitlifha lil Selika tieghi.

IBRAHIM: Uh, le, forsi ma jkollha xejn.

FEZAN: Il-Baxa jaf?

IBRAHIM: Ma nahsibx li jaf.

FEZAN: Ahjar nghidulu malajr. Ibrahim mur fittxu u kif issibu ghidlu x'gara.

IBRAHIM: Kollox sew.

(Johrog min-nofs lemin)

XENA IX

FEZAN, HARUM U ZURAGA, IMBAGHAD KAMAL

(Harum u Zuraga jidhlu minn nofs xellug)

HARUM: Fezan, int u siehbek ma' kellkhomx tistennewni hawn? Fejn hu Kamal?

FEZAN: IVa, ja sidi....imma imma grat disgrazzja kbira. Baghddt lil Ibrahim ifittxek....emminni, ja sidi ma ghandix kuragg nghidlek.

HARUM: X'gara? Il-Kmandant Saledi Ben Mahmud?

FEZAN: Le, ja sidi...ohtok Selika.

HARUM: Ohti!

ZURAGA: Gralha xi haga, jaqaw?

FEZAN: G'ax kif gejt hawn, kien hawn....

HARUM: FITtex ghidli x'gara.

FEZAN: Selika hassha hazin.

ZURAGA: Ih x'wahda din! Miskina!

HARUM: Gravi? tas-soltu, Fezan?

FEZAN: Iva, ja sidi...tas-soltu.

ZURAGA: Dejjem jara x'jinqala' biex tinkwieta ruhek, Harum. Imma issa toqghodx tehodha bi kbira, forsi ma jkollha xejn.

HARUM: (Imbikki) Miskina ohti! Sejjer hdejha

ZURAGA: Halli nigi mieghek, ja sidi.

HARUM: EJja, Zurgga.

JIDHOL KAMAL MILL-GEMB XELLUG B'RASU BAXXUTA.

FEZAN: Hawn Kamal, ja sidi. Kif inhi, Kamal?

KAMAL: (Ihares lejhom u jibqa' sieket)

HARUM: Kamal, kif inhi? Tkellem.

KAMAL: Mietet.

(Reazzjoni minn kulhadd)

HARUM: Mietet! Sal-lum kelli ngawdiha.

ZURAGA: Tassew qed jisghobbija, ja sidi. Nixtieq naqsam mi-ghek in-niket kbir li qed iggarrab bhalissa.

HARUM: Nizzikhajr, Zuraga. Kamal, batiet xejn waqt l-agunija?

KAMAL: Iva, ja sidi, batiet. Bdiet tberraq ghajnejha u tferfer saqajha kemm tiflah.

HARUM: Miskina! Sniena isserrawlha?

KAMAL: Ukoll, ja sidi.

FEZAN: Ma ppruvajtx taghmlilha muftieh bejn snienha?

KAMAL: Muftih! Muftih biex tkisser sninha.

ZURAGA: Sewwa qed jghid. Issa li hemm hemm.

HARUM: Hekk hu. Dak li sar ma jistax jithassar. Kamal, mur ghid lil kulhadd jingabar fis-Sala l-Kbira, biex nippreparaw il-luttu.

KAMAL: (Fil-gemb)Il-luttu! Luttu ghal qattusa! Ara kemm hadha bi kbira wkoll!.

HARUM: Kamal!

KAMAL: Amar, ja sidi.

HARUM: Ghidilhom ikunu lesti, biex kif nigi jien, nibdew inqattghu xaghrna.

KAMAL: X'inhu! Se nqattghu xaghrna wkoll!

ZURAGA: Dan zgur. Ma jixirqiliex?

KAMAL: (Fil-gemb) Mank kont fartas!

HARUM: Kamal, mur aghmel li ghidtlek.

KAMAL: Iva, ja sidi.

(Isellem u johrog min-nofs xellug)

HARUM: (Imbikki) Ohti! Kemm kienet thobbni miskina!

FEZAN: (Imbikki) Ja sidi, l-angas irrid nemmen li tliftha lil Selika tieghi.

ZURAGA: (Imbikkija) Jahasra, kemm kienet dhulija! Kont inhobba daqs il-mimmi ta' ghajnejja.

FEZAN: Kienet tghidli koskos ta' qalbi (Jinfaqa' jibki fuq spallej Harum)

HARUM: Kont ili nghid li dil-marda ghad teqridha.

ZURAGA: Donnok kont proefeta, Harum Abu Hasan.

FEZAN: L-angas irrid niftakar kemm batiet sakemm mietet
Qed ingibha quddiem ghajnejja tferfer saqajha.

HARUM: Toqghodx issemmili, Fezan El Areb.

XENA X
SELIKA U L-OHRAJN

(Tidhol Selika mill-gemb xellug. Fezan jilmaghha l-ewwel).

FEZAN: L-ispirtu ta' Selika!!!

(Selika tkun waqfet xi tlett passi boghod mill-bieb. L-Ohrajn imorru n-naha l-ohra, imma mhux f'xi rokna)

HARUM: Ohti!!!

(Jinzel isalli, l-ohrajn ukoll)

SELIKA: (Fil-genb) Dan x'tahom, f'daqqa wahda?

HARUM: Ohti Selika, taf kemm kont inhobbok.

FEZAN: Selika taf li kont nadurak, hux?

ZURAGA: Jien ukoll, Selika.
(Iqumu bil-wieqfa)

SELIKA: TIstghu tghiduli ghala qeghdin taghtuni dal-giegh kollu?

HARUM: Ghax jixraqlek, Selika...ghax jixraqlek. Aghtuha gieh!!

(Jergghu jinzlu jsallu quddiemha)

SELIKA: (Fil-gemb) Dawn iggennu ghandu jkun. Ara x'qeghda nghidilkhom, se nitlef sabri tafux!

HARUM: Ara ma taghmilx xi bicca! Tiflef sabrek maghna! Ahna minhabba fik se nqattghu xaghrna.

SELIKA: TQattghu xaghrkhom!!!

HARUM: Ohti, meta tkun hdejn Mawmettu, ghaddili kelma.

FEZAN: Iva, sellili ghalih.

ZURAGA: U qis li tghidli kemm konna nhobbuk, specjalment jien!

FEZAN: Selika, minhabba fik se nitfartas.

HARUM: U jien fadalli erba' zajbriet se nitlifhom.

ZURAGA: Mela xi nghid jien, gmiel ta' xaghar bhal dan!

SELIKA: Imma dan kollu ghal fejn se taghmluh?

HARUMK Ghax qeghda tistaqsina, ohti Selika? Mhux dejjem hekk naghmlu meta jmut xi hadd?

SELIKA: Mela midt xi hadd? Min miet?

ZURAGA: Din isbah! L-angas taf li mietet, ja sidi.

HARUM: Mhux bilfors, la tmut, ma tkun taf xejn.

FEZAN: Selika, ghaziza tieghi, orenpuca ta' oalbi, inweghdek li oatt ma ninsik.

SELIKA: X'jigifieri ma tinsinix? Mela se ssiefer?

FEZAN: Uh, le, x'se nsiefer?

ZURAGA: Kif jigri meta tmut, hux? Ma tifhem xejn.

SELIKA: IVa, ma tistghux tfehmuni sew x'gara? Ghax fl-ahhar se jitilghuli u nibda nwerzao kemm niflah!

Kulhadd: Le, le, twerzaox!!!

HARUM: Ergghu sallu....ergghu sallu!!!

(Isallu)

ZURAGA: Ja sidi, thallihiex twerzao, ghax jismaghha Mawmettu.

HARUM: Ohti Selika, ghaziza ohti Selika, ghax ma tridx thallina b'sabarna? Billi mejta, ahna xorta wahda nibqghu niftakru fik.

SELIKA: Mejta!!! Stennew ftit, dan min wahhlilkhom f'raskom li jiena mitt.

FEZAN: Iva, Selika, mitt ftit ilu.

ZURAGA: Taghtek taolibe u boajt tahtha.

SELIKA: U x'intom thawwdu? Il-oattusa mietet, mhux jien

HARUM: Le, ohti, int mitt.

SELIKA: Kieku mitt, oeghda hawn inkellimkom! Imma kemm intom bla ras? Harum Abu Hasan, ejja missni.

ZURAGA: Le, le, tmurx, ja sidi, ghax tiehdok maghha.

HARUM: Selika, bis-sod oeghda tghid? Int hajja?

SELIKA: U mela mejta!!!

FEZAN: Dawn xi beejjec huma? Kamal oalilna li mitt.

HARUM: Ma gara xejn; l-aowa li ghadek hajja.

(Kulhadd jersao lejha. Kliem ad lib)

FEZAN: Praspura bhal din l-anoas titwemmen.

HARUM: STennew ftit; stennew ftit. Selika, allura l-oattusa tieghi mietet?

SELIKA: Uh, mela jien!

HARUM: X'wahda din!!! Zommuni ghax se jhossni hazin.(jintelao fuo pultruna)

ZURAGA: Jahasra kemm kien ihobbha!!!

SELIKA: Imma meta haseb li mitt jien, ma hassux hazin!

SIPARJU

TMIEM L-EWWEL ATT

## IT-TIENI ATT

Ix-xena tirrapprezenta l-istess wahda tal-Ewwel Att. Zmien: L-istess jum.

---

### XENA 1
ZURAGA, SALEDI U FEZAN
(Zuraga in xena u jidhol Saledi min nofs xellug)

SALEDI: Zuraga, sibtek wahdek fl-ahhar.

ZURAGA: Lili ma ghandekx xi tridni. Mur, hallini.

SALEDI: Int kont weghddtni mhabbtek. Ghax ma zemmejtx kelmtek?

ZURAGA: Dan kollu kliem zejjed. Issa gharusa lill-Baxa Harum Abu Hasan; jekk jigi u jisimghek, jaqtalna rasna t-tnejn.

SALEDI: Jien la nibza' mill-Baxa u l-anqas minn kemm nies ghandu madwaru.

ZURAGA: Imma jien lil Harum irrid.

SALEDI: Int tkun tieghi biss. Ismaghni, jien gejt hawn minhabba fik. Gejt biex noqtol lill-Baxa talli serqek minn hdani.

(JIDHOL FEZAN MIN NOFS LEMIN U JIBQA' MOHBI)

Zuraga: X'inti tghid, mela qed tiggennen?

SALEDI: Minn hawn u ftit iehor, nerga nigi hawn nistennik biex niftehmu ahjar.

ZURAGA: X'niftehmu, Saledi?

SALEDI: Kif insibu l-ahjar mezz, biex noqtlu lill-Baxa.

ZURAGA: Mela x'naghmel!!! Ara, jiena ma rridx ikolli sehem fi qtil.

SALEDI: Int taghmel kif nghidlek jien. Jekk ma tigix, qed tarah dan? (johrog l-istallet) Dan jindifen go qalbek

ZURAGA: Le, Saledi Ben Mahmud, nobdik...iva, nobdik.

SALEDI: Tigi hux?

ZURAGA: MELA le! (Fil-gemb) ghid appa!

SALEDI: X'ghidt issa?

ZURAGA: Ghiddtlek nigi zgur.

SALEDI: Zuraga, jekk tisma' minni ma jibdielekx. Ftit zmien iehor u terga ssir l-gharusa tieghi.

ZURAGA: (Fil-gemb) Hekk nibqghu. Saledi, qiss li tqoghod attent. Ara ma tigix fl-ghali.

SALEDI: Halli f'idejja. Salaam.

ZURAGA: Salaam.

(Saledi johrog min nofs xellug; Zuraga mill-genb Xellug)

### XENA II - FEZAN U IBRAHIM
(Fezan jidher fil-bieb tan-nofs jaghmel sinjali lejn il-lemin)

FEZAN: Ibrahim! Ibrahim!

(JIDHOL MIN NOFS LEMIN)

IBRAHIM: X'ghandek bzonn, Fezan El Areb?

FEZAN: Int thobbu lill-Baxa Harum Abu Hasan?

IBRAHIM: Dan zgur li nhobbu.

FEZAN: Jekk thobbu tassew, johtieg li tghini, biex inkun nista' nsalvah.

IBRAHIM: Mela qed jgherea?

FEZAN: Tibdiex tghid il-hmerijiet, Ibrahim. Qabel xejn, l-ewwel trid tweghdni quddiem il-Profeta Mawmettu li minn dak li se nghidu bejnietna; hadd ma jkun jaf xejn. L-anqas il-Baxa.

IBRAHIM: Inweghdek quddiem il-profeta Mawmettu.

FEZAN: Mela ifhimni sew; qed jithejja pjan biex il-Baxa taghna jigi maqtul. U dal-pjan qed ihejjih il-Kmandant Saledi Ben Mahmud.

IBRAHIM: Iva, eh, ja bicca ta' mahmug! Mela taf x'naghmlu? Noqtlu lilu.

FEZAN: Ibrahim, f'giegh min rabbiek, tiboqx tghid il-hmerijiet; hallini nkompli. Ftit ilu smajtu jkellem lil Zuraga biex jergghu jiltaqghu u jghidilha x'ghandu jsir. Izda Zuraga twerwret u naf zgur li mhix se tiltaqa' mieghu.

IBRAHIM: Imma jien kif nista' nghin?

FEZAN: La Zuraga mhix sejra, m'ahniex se nkunu nafu x'ghandu f'mohhu. M'ahniex se nkunu nafu kif u meta se jipprova joqtol lill-Baxa. Allura jehtieg li mmur jien.

IBRAHIM: Bravu Fezan; int veru ragel kuragguz. Imma stenna ftit, jekk tmur int, nahseb li ma jghidlek xejn.

FEZAN: Sewwa qed tghid; hawn tidhol l-ghajnuna tieghek. Irridek tmur fis-swali tan-nisa u minn hemm iggibli libsa ezatt bhal dik li liebsa Zuraga illum.

IBRAHIM: Libsa ta' mara. Imma nghid jien, dil-libsa x'ha mbiha?

FEZAN: Dal-waqt infehmek; se nilbes ezatt bhal Zuraga u mmur jien hdejn il-Kmandant Saledi.

IBRAHIM: Ma hawnx ghalik, Fezan kemm hsibta tajjeb!

FEZAN: Ghandek hila taqdini?

IBRAHIM: Halli f'idejja, ghax minn hawn jew minn hemm, niksiblek kull ma jinhtieg. Kif ikolli kollox, nigi nfittxek fil-kamra tieghek.

------ (Johorgu min nofs lemin)

---

XENA III - HARUM U ZURAGA
(Jidhlu min-nofs xellug)

ZURAGA: Iva, ma tistax tghidli xi gralek?

HARUM: Hwejjeg kbar! Hwejjeg tal-ghageb! Kont f'kamarti qed insalli u f'daqqa wahda, nisma' lehen ikellimni.

ZURAGA: U x'inti tghid, ja sidi! Ma naghtux kaz li jien nohlom meta nkun rieqda u int tohlom meta tkun imqajjem, hux?

HARUM: Tghidlix hekk, Zuraga. Il-lehen smajtu car. Qalli: "Harum Abu Hasan, oqghod attent. Ma ddumx ma titlef is-sahha ta' Abdel Ben Ali*. Dak li qalli; ghandix ragun nithasseb?

ZURAGA: Ma narax ghal fejn ghandek tinkwieta, Harum.

HARUM: Isma' x'tghidlek!! Mela ma fhimtnix? Jigifieri, is-Sultan Abdel Ben Ali se jdur kontra tieghi.

ZURAGA: Uh, le, fjur tan-narcis, int ma fhimtx, mhux jien. Int smajt il-kelma qarabaghli u hsibt li qal Abdel Ben Ali. Harum, dak li kellmek kien il-Profeta Mawmettu.

HARUM: Mela jien ghidtlek li kellimni l-kok, x'kull wahda!

ZURAGA: Hallini nkompli: Mawmettu jaf li jekk int ma tiekolx kuljum il-qarabaghli, sahhtek tmur lura u tigi fix-xejn. Dan int stess kont ghidttuli.

HARUM: U hekk hu. Sansun kellu sahhtu f'xaghru u jien fil-qarabaghli. Minn banda ahjar sahhti mhix qeghda f'xaghri, ghax wasalt biex nitfartas.

ZURAGA: Harum Abu Hasan, ifhimni sew; dak il-messagg ifisser li se jkun hawn skarsezza tal-qarabaghli. Mawmettu qallek "Ahseb ghal qarabaghli" u int fhimt li qed jghid ghas-Sultan Abdel Ben Ali".

HARUM: Jista jkun. (Pawsa) Bilhaqq, Zuraga fuq il-gurat ma kellimtni xejn.

ZURAGA: Fuq il-gurat!!! Mela jien kelli inkellmek fuq il-gurati?

HARUM: Ma weghddtnix li taghtini l-gurat?

ZURAGA: JIEN! Dal-gurat xi hlomt bih?

HARUM: Int kemm tinsa? Ma kellekx taghtini labra tad-deheb, forma ta' gurat? Dik li kien jilbes il-profeta Mawmettu

ZURAGA: Eh, issa qeghda niftakar! Ghandek ragun; imma thabbilx rasek, Harum, ghax illum stess tkun ghandek.

HARUM: Zuraga, kif gie ghandek tezor bhal dak?

ZURAGA: Kont qeghda nizfen quddiem is-Sultan ta' Tripli u tant ghogobtu, li kif spiccat iz-zifna, sejjahli hdejh u taghni l-gurat f'kaxxetta sabiha.

HARUM: Mur ara kemm hassejtek kburija!

ZURAGA: Hekk hu, Harum. U hassejtni aktar kburija, meta sirt naf li dak il-gurat kien jilbsu l-Profeta Mawmettu.

HARUM: Tghid x'naqbad naghmel fuq l-affari tal-qarabaghli?

ZURAGA: Kif se nghidlek jien. Mur aghti amar issa stess, biex nofs ir-raba ta' Istanbul, jithawwel kollu bil-qarabaghli; u b'hekk l-iskarsizza ma tolqtokx u tibqa' mimli bis-sahha.

HARUM: Brava, Zuraga tieghi! X'genju! X'mohh!! X'gherf! Fjura tal-langas, sejjer naghti l-amar issa stess.

ZURAGA: Mur, musbieh il-lejl tieghi.

(Harum johrog min-nofs xellug; Zuraga mill-gemb lemin)

## XENA IV - SELIKA U KAMAL
(Jidhlu mill-gemb xellug)

KAMAL: Ja siddti Selika, qaluli li ridt tkellimni.

SELIKA: Qalulek sewwa, Kamal El Buzeid. Qatt ma kont nobsor li fid-dinja jista' jezisti ragel li jkollu qalb hazina daqshekk.

KAMAL: Ja siddti, trid tghid li kien hawn xi ragel, li kellu l-ardir jaghmillek azzjoni hazina!!! Ghidli min hu, halli mmur issa stess u noqtlu bl-istallett tieghi.

SELIKA: Mela tista' toqtol lilek innifsek, ghax int kont

KAMAL: Jien!! X'inti tghid, warda li tghaxxaq il-belt kollha ta' Istanbul? L-ancas qatt ma nasal biex naghmel azzjoni hazina lilek.

SELIKA: Eh, le, Kamal! Mhux int mort tghidilhom li mitt jien flok il-qattusa tal-Baxa?

KAMAL: Le, ja siddti, ma tarax! Huma fehmuni hazin. Jien ma ghidtilhomx hekk.

SELIKA: Qatt ma kont kobsor li tixtieqni mejta.

KAMAL: Jien nixtieq mejta l-isbah kewkba tal-Orjent!! Mela trid taqsamli qalbi, ja siddti Selika?

SELIKA: Jien qatt ma ghamiltlek deni, ma nafx ghala tobghodni.

KAMAL: (Johrog l-istallett) Ha, ja siddti; aqbad dan l-istallett. Jekk bla ma naf, kont kagun li int xerriddt xi demgha minn dawk is-sbieh ghajnejk, allura ma jixraqlix li nghix izjed. Oqtolni, ja siddti.

SELIKA: X'inti tghid, Kamal, mela jien ghandi kuragg noqtol?

KAMAL: Mela ninxtehet mal-art quddiemek u ghaddi minn fuqi.

SELIKA: Ih, x'kull wahda! Mela jiena xi karettun!
(Tmur bil-qeghda fuq is-sufan)

KAMAL: Ja siddti, jekk ma tghidlix li hfirtli, se nnehhi hajti b'idejja. (Joghmel l-istallett ma' sidru)

SELIKA: Kollox sew, nahfirlek.

KAMAL: Nizzikhajr, ja siddti Selika. (Jorghod bil-qeghda fl-art ma' genbha)

SELIKA: Kamal El Buzeid, qum minn hemm u ejja bil-qeghda hdejja.

KAMAL: (Iqum) Jiena qomt, imma m'hiniex se noqghod hdejk. Lili ma jixraqlix li noqghod bil-qeghda ma' genb l-isbah fjura li tghaxxaq il-gonna tal-Baxa.

SELIKA: (Bil-hlewwa) Kamal, qeghda nordnalek.

KAMAL: U jiena nobdik. (Joqghod hdejha) Emminni, ja siddti Selika li l-ancas irrid nemmen li jien imqajjem. Qatt ma kont nahseb li ghad inkun nista' noqghod bil-qeghda fuq l-istess sufan li tkun qeghda int. Siehbi Fezan, tassew ghandu risqu mieghu.

SELIKA: Ghala, Kamal?

KAMAL: Hemm bzonn tistaqsini? Meta se jikseb pupa bhalek bhala martu, jista' jkollu xortih tajba aktar minn hekk!

SELIKA: Kamal El Buzeid, kemm taf titkellem sabih! Fezan ma jafx jitkellem bhalek.

KAMAL: (Fil-genb) Daqs kemm hu injorant!!! Ja siddti, issa mhux ahjar inqum minn hawn li ma jmurx jidhol il-Baxa.

SELIKA: Jidhol. B'daqshekk x'se jigri?

KAMAL: Lilek ma jigrilek xejn, imma lili ma nafx. Mur ara x'uragan iqum!

SELIKA: Kamal, allura lili thobbni?

KAMAL: Jekk ma nhobbx lilek ikun xieraq li jitimghuni qatta silla.

SELIKA: Kemm qeghda niehu pjacir, bil-qeghda ma' genbek! U ma rridek issejjahli izjed ja siddti, imma Selika; Selika biss.

KAMAL: Selika, kif se naqbad nizzikhajr? Unur bhal dan qatt ma kont nistennih.

SELIKA: Rezan ragel sewwa, imma aktar kont inkun kuntenta kieku hija ghazilli lilek bhala gharus.

KAMAL: Allura lil Fezan ma thobbux?

SELIKA: Inhobbu....imma ma nafx. Kamal, din mhix haga sewwa: L-irgiel jistghu jizzewwgu hafna nisa, u l-mara ma tistax tizzewweg aktar minn ragel wiehed. Din raguni?

KAMAL: Dan zgur li mhix! Din insejjhila gharukaza.

SELIKA: Hu lil hija, ghandu tletin mara u dalwaqt ikollu wiehed u tletin.

KAMAL: Tletin mara...mur ara x'giggifogu meta jitkellmu lkoll f'daqqa.

SELIKA: Ma jistax jonqos.

KAMAL: Tletin mara...u jiena l-anqas wahda ma ghandi.

SELIKA: (Twellislu wiccu) Miskin, Kamal zaghzugh sabih bhalek!

KAMAL: (Fil-genb) Jekk tibda' sejra hekk, se ndub bhal bicca lakumja fix-xemx.

SELIKA: (Tqum) Kamal, issa se jkolli mmur, Hobbni dejjem. (Tibda miexja lura lejn il-genb xellug)

KAMAL: Mur, qronfla fl-isbah gnien! Mur, tuffieha ta' Belludja! Mur l-isbah hawha ta' Istanbul!

(Selika ddur u tibda' hierga mill-genb xellug. Kamal mill-genb lemin)

XENA V.- SALEDI U FEZAN

(Saledi jidhol min-nofs xellug jhares madwaru. Wara ftit jidhol Fezan liebes ezatt bhal Zuraga min-nofs lemin. Saledi jmur biex jghannqu; Fezan jahrablu u jorgħod jitkessablu)

SALEDI: Zuraga, hsibtek m'hintix gejja.

FEZAN: Manigix! Mela ma nigix!

SALEDI: Zuraga, xemx li ssebbah l-orjent kollu, ghaliek qed nissogra hajjti. Ghalik lest biex immut. Ghidli li thobbni.

FEZAN: Saledi, qamar li jiddi daqs il-qargha ta' missieri, jien inhobbok.

SALEDI: Tassew! Tassew thobbni! (Jipprova jghannqu u Fezan jehles)

FEZAN: Mela biċ-ċajt!

SALEDI: Kemm ghamiltni ferhan! Hallini nara dak is-sabih wiċċek.

FEZAN: Eh! Ara ma tiċċajtax, fhimt!

SALEDI: Ghala qeghda tiċhadli l-pjaċir li nara s-sabih wiċċek?

FEZAN: (Fil-genb) Ghax nibza' li tiehu qata'.

SALEDI: Obdini, Zuraga.

FEZAN: U iskot li ma jigix xi hadd.

SALEDI: Zuraga, biex ahna nkunu ta' xulxin, il-Baxa Harum Abu Hasan jehtieg li jmut.

FEZAN: Ih, x'wahda din! Toqtlu hekk, bhal ma joqtlu muntun?

SALEDI: Jehtieg li noqtluh.

FEZAN: Lil min? Lil Baxa ta' Istanbul jew lill-muntun?

SALEDI: Uh x'muntun ta' rasek! Noqtlu ~~lill~~-Baxa.

FEZAN: Imma din krudelta'. Saledi, qatt ma kont nobsor li ghandek qalb hazina daqshekk.

SALEDI: Mhux tassew; anzi jien qalbi tajba. Jiena ghandi qalb ta' beccun. Li se naghmel, se naghmlu sforz l imhabba.

FEZAN: Ih, xi bċejjeċ dawn! Toqtol ghax thobb? Mela meta tobghod x'taghmel?

SALEDI: Zuraga, dan kollu kliem fieragh. Il-Baxa jehtieg li jmut

~~ZURAGA~~ Fezan: Imma nghid jien, hemm ghal ~~fejn~~ ~~toqtlu~~?

SALEDI: Mhux jien, int.

~~ZURAGA~~ Fezan: Ukoll! Il-mniefah kemm int wiċċek tost!

SALEDI: Jien naghtik il-flus biex tixtri l-ghases u dal-lejl waqt li jkun rieqed, int idhol hdejh u oqtlu.

FEZAN: X'wahda din!!!

SALEDI: Jehtieġ li taghmel il-hila. Naf li qed nitlob hafna, meta rridek toqtol b'dawk l-idejn delikati li ghandek.

FEZAN: (Fil-genb) Delikati sabih! Qishom zewg pali tal-bajtar!

SALEDI: X'se tghidli?

FEZAN: Saledi Ben Mahmud la jinhtieg li jsir hekk, hekk isir.

SALEDI: Mela l-ewwel biċċa xoghol li rridek taghmel, hi, li tieghu bsieb il-ghases. Sibhom wiehed wiehed u weghdhom borza flus kull wiehed.

FEZAN: U jekk ma jkunux iridu?

SALEDI: Ghal flus jaghmlu kollox. Int ipprova, imbaghad gharrafni b'dak li jkun sar.

FEZAN: Kollox sew.

SALEDI: Zuraga...mahbuba ta' qalbi, din il-brazzulletta ghalik. Fiha djamant rari...djamant iswed.

FEZAN: Ghalija? Fil-genb) jien se nehodha.

SALEDI: Fudha, ilbisha.

FEZAN: Kemm hi sabiha! (Fil-genb) Din isbah minn wiccek.

SALEDI: Toghgbok?

FEZAN: Imissha ma toghgobnix, brazzulletta bhal din!!! Djamant iswed...Saledi, nahseb li dan id-djamant viztuz ghall-missieru.

SALEDI: (Jidhak) Hekk niehu gost narak dejjem ferhana

FEZAN: Saledi Ben Mahmud, donni qed nisma' lehen il-Baxa. Ahjar twarrab.

SALEDI: Hekk se naghmel. Nerga' narak, ghaziza tieghi. Salaam.

FEZAN: Salaam, lakumjabil-lews. (Fil-genb) Meta tkun imrangta.

(Saledi johrog min-nofs xellug. Fezan inehhi l-brazzulletta u jahbiha)

## XENA VI - FEZAN U HARUM

(Jidhol Harum min-nofs Lemin)

HARUM: Zuraga, mela int bawn qeghda?

FEZAN: (Fil-genb) Issa sew!!! Ehw, iva. Gejt infittxek.

HARUM: (Joqghod fuq is-sufan) Sewwa ghamilt, ejja hdejja.

FEZAN: Nigi hdejk! (Fil-genb) Iva, issa kellu jinqala' dax-xitan!!!

HARUM: Qeghda tibza' minni, Zuraga?

FEZAN: Min, jien? Tridx tmur!!!
(Jersaq lejh u joqghod jitkessahlu. Harum jipprova jaqbdu u Fezan jahrab kull darba)

HARUM: Imma kemm int helwa! Emminni li meta tkun hdejja, inhossni ninhall.

FEZAN: (Fil-genb) U jien inhoss imsarni f'riglejja.

HARUM: Zuraga ruhi, dak il-gurat li weghddtni, ghadek ma tajtulix.

FEZAN: X'inhu! Gurat!!!

HARUM: Iva, gurat. Insejt jaqaw?

FEZAN: Hm, le ma nsejtx. (Fil-gemb) Dan l-imgharraq ta' gurat x'holom bih?

HARUM: Mela ghax ghadek ma gibtulix? Mur gibu issa.

FEZAN: Issa!!! (Fil-genb) Issa dal-gurat mnejn se ngibu?

HARUM: ZUraga, smajtni? Mur u gibli l-gurat.

FEZAN: Imma, ja sidi Harum Abu Hasan, dal-gurat xi tridu?

HARUM: X'irriddu!!!

FEZAN: Uh, mela! Int fadallek zmien toqghod tilghab bil-gurati?

HARUM: Nilghab bilgurati! Zuraga, x'int thawwad?

FEZAN: (Fil-genb) Imissu jtih is-sikkina! Harum, ghaziz tieghi, dal-gurat ghal fejn tridu?

HARUM: Biex inzommu dejjem ghandi; bil-lejl u bi nhar.

FEZAN: Bil-lejl ukoll!!!

HARUM: Dan zgur. Bil-lejl naghmlu taht l-imhadda.

FEZAN: Taht l-imhadda! (Fil-genb) seba imissu jghaffgu, jaqd!!

HARUM: Zuraga, mur ghax ghandi/mitt sena sakemm ikun ghandi.

FEZAN: Kollox sew, mela. Halli mmur, forsi nacbadlek wiehed mill-gnien.

HARUM: Mill-gnien!

FEZAN: Mela fejn tridni nsibu, ja sidi; fil-kamra tas-sodda?

HARUM: Zuraga, jaqaw ghandek aptit tiqqajta?

FEZAN: Ghax ged tghidli hekk, ja sidi, Harum Abu Hasan.

HARUM: Int gurat mill-gnien weghddtni, jew il-gurat li kien jilbes il-Profeta Mawmettu?

FEZAN: (Fil-genb) Dan x'inhu jhawwed? Mela l-gurati jintlibsu

HARUM: Zuraga, ma rridx cajt izjed. Issa mmorru flimkien u eghmizuli fuq sidri inti stess.

FEZAN: (Fil-genb) Issa qed nifhem. Mela xi labra! Issa x'se naghmel? Hm, hares, ja sidi...

HARUM: GHidli, Zuraga.

FEZAN: Dak il-gurat mhux diga qieghed ghandek?

HARUM: Le. Kif jista' jkun?

FEZAN: Kif, mhux qieghed ghandek? Mela ohtok Selika ma taghtulekx?

HARUM: OHTI SELika ma taghtni xejn.

FEZAN: Ih, mhux sewwa. Jien hallejtulek ghandha. Ghada ma taghtek xejn?

HARUM: Kieku qed nitlobulek?

FEZAN: Ih, mhux sewwa. Halli mmur infittxa. Ibqa' stenna hawn, ja sidi.

HARUM. TIehux hsieb, harufa.

FEZAN: Salaam, ja musbieh (Fil-genb) bla ftila.

(Fezan jizzeglaq ftit quddiemu; kif idur lejn il-plateja jaqalu l-velu. Itellghu u johroq mill-genb xellug)

To 20

XEN. VII
HARUM U SELIKA
(Tidhol Selika mill-genb xellug)

HARUM: Selika, Zuraga marret tfittxek.

SELIKA: Lili? U ghal fejn qeghda tfittixni, Zuraga?

HARUM: Int ma tafx ghal fejn?

SELIKA: Kif tridni nkun naf, mela jiena sahhara?

HARUM: Ara, hallin mill-kliem fieragh; fejn hu l-gurat ?

SELIKA: X'inhu!!

HARUM: Ghiddtlek, fejn hu l-gurat? Fuqek qieghed?

SELIKA: Hekk imissu, jkolli gurat fuqi! Kieku minn ghexer mili boghod jisimghuni nwerzaq!

HARUM: Selika, qed inkellmek bis-serjeta'. Irrid il-gurat.

SELIKA: (Fil-genb) Dan iggennen, jew? Harum Abu Hasan, mhux ahjar traqqbi ftit l-ghaqal?

HARUM: X'inhi din! Int tghid lili biex inrabbi l-ghaqal?!!

SELIKA: Uh mela ma nghidlekx! Issa jekk ikun jaf is-Sultan Abdel Ben Ali, ma tigix fl-ghali?

HARUM: Nigi fl-ghali biex? Xi tridu jisma'?

SELIKA: Tajba din! Li l-Kbir Baxa ta' Istanbul, qieghed jilghab bil-gurati.

HARUM: Selika, int qeghda tiggennen, jew?

SELIKA: Qed tiggennen int, mhux jien. Ma tarax li dan mhux dekor tieghek, li toqghod tilghab bil-gurati!!!

HARUM: Int lilek min wahhallek f'rasek li rrid nilghab bil-gura

SELIKA: Int.

HARUM: Jien!

SELIKA: MEla min? Mhux int ghadek kemm ghidttli biex immur ingiblek gurat?

HARUM: Selika af li int bla ras! Jien tlabtek il-gurat li taghtek Zuraga. Il-labra tad-deheb maghmula gurat.

SELIKA: Labra, forma ta' gurat?

HARUM: Iva, u incastata bid-djamanti. Kien jilbisha Mawmettu. U Zuraga taghtielek biex taghtiha lili.

SELIKA: Mhux tassew. Zuraga ma taghtni xejn.

HARUM: Selika ittellifnix sabri.

SELIKA: Ghiddtlek Zuraga ma taghtnix labar. Qeghdin insemmu d-deheb. taf li dik il-brazzulletta bid-djamant iswed, ghadek ma tajtilix, hux?

HARUM: Imma ma nsejtx. Meta jasal il-wact, tieghek tkun Imma issa hallina mill-brazzulletta. Aghtini l-labra.

SELIKA: Ajma hi, mela ahna tfal. Zuraga ma taghtnix labar.

HARUM: Taghtek iva, ghax caltli hija stess.

SELIKA: Mela allura riedet tghaddi z-zmien bik.

HARUM: SELIKA!!! Ara kif tkellimni, fhimt?

SELIKA: Imma kif ma tridx temminni? Issa kieku tagtni xi haga ghalik, se nzommha ghalija?

HARUM: Imma jien ma kontx rieced. Smajta u smajta sew.

SELIKA: X'ghidt, ma kontx rieced? Mela int xi darba tkun imcajjen

HARUM: (Ihabbat saqajh) Selika!! Thallinix ninsa li int ohti.

SELIKA: Ghax jien ma niflahx narak izjed hekk. M'intix tinduna li ceghda taghmlek cippitatu?

HARUM: Mhux tassew. Zuraga thobbni daqs il-mimmi t'ghajnejha.

SELIKA: Tassew thobbok, imma mixwi fi platt.

HARUM: Selika, ma rridx nisma' kliem bhal dan. U ma nafx il-ghala ma tahmiliex?

SELIKA: FIha x'tahmel, ukoll! Insomma, Harum, jien ma nafdahiex. Qatt ma kelli grazzja magha.

HARUM: Selika, issa fuc kollox, ara li ma nsibx li l-labra taghtielek bis-serjeta!

HARUM: Mela int trid iggaghlni nifhem, li aktar temmen lilha milli temmen lili! Imma dalwact tkun taf, min hi l-brikkuna.

HARUM: X'se taghmel?

SELIKA: Sejjer nacbadha minn xaghra u nkaxkarha mal-art. Nuriha jien, min hi Selika. (Tibda' hierga nofs xellug)

HARUM: Selika! Selika! (Johroq warajha). Centre

## XENA VIII - KAMAL U FEZAN

(Jidhol Kamel mix-xellug genb; Fezan min-nofs xellug)

FEZAN: Kamal!

KAMAL: Hawn, ja siddti Zuraga. Ghandok bzonn xi haga?

FEZAN: Iva. Lil Fezan El Arab, rajtu xejn?

KAMAL: Lil Fezan! Tghidx kemm ili nfittxu, imma ma nista nsibu mkien. Donnu dab, kif iddub ix-xama fuc in-nar.

FEZAN: Xtact inkellmu, imma ma jimpurtax. Move Kamal xi tghidli ghal Fezan?

KAMAL: Xi tridni nghidlek?

FEZAN: Irrid nghid jekk hux tifel tajjeb...hux bil-ghacal... jekk ihobbx it-tfajliet....

KAMAL: Kieku tifel tajjeb kemm tridu, imma kliem bejnietna malli jara tfajla jinhall.

FEZAN: Iva, Kamal! U int ma tinhallx ukoll!!

KAMAL: Jien! Le, ja siddti Zuraga, jiena meta nhobb, wahda biss inkun inhobb.

FEZAN: Mela kif ged tghid int, jien inhobb xi mija!

KAMAL: Int! Int x'ghandek x'taqsam, Zuraga?

FEZAN: Ehm...eh...irrid nghid ghal Fezan. Mela jekk qeghda nifhem sewwa, int tifel tajjeb aktar minn Fezan.

(B'wiccu lejn il-plateja jaqa' l-velu u jtellghu)

KAMAL: Uh, mhux ghax inhobb niftahar, imma ma tafx int?

FEZAN: Ridt nistaqsik hag'ohra, Kamal. Fezan jonhor xejn, meta jkun rieqed?

KAMAL: Fezan! Aktar minn kuntrabaxx skurdat!

FEZAN: Iva, Kamal? Mela jonhor Fezan!

KAMAL: Ma ghandekx ideja kemm, ja siddti Zuraga!

FEZAN: U int ma tonhorx ukoll?

KAMAL: Jien! L-anqas xejn. Bil-kemm tismaghni niehu n-nifs. Qisni ghafur..

FEZAN: Tbidx taqla 'l hemm li ma naghtikx daqqa ta' harta!

KAMAL: Ih! Dan x'inhu jtik, ja siddti?

FEZAN: Ma tonhorx sabih! Ghax ma tghidx li tkun qisek mastrudaxxa, meta jkun jisserra t-twavel.

KAMAL: Imma...imma dan kif tista' tghidu?

FEZAN: Imissni ma nistax!!!

(JERGA JINZEL IL-VELU U JERGA' JGHATTI WICCU)

KAMAL: Qeghda tghaggibni, Zuraga.

FEZAN: Ma ghandekx biex tistaghgeb. Zuraga kollox tkun taf.

KAMEL: Imma tassew li ma nonhorx.

FEZAN: Jaqbillek ma tghix kliem b'iehor, ghax tigbed is-sahta ta' Mawmettu.

KAMEL: Jien nghid kliem b'iehor!

FEZAN: Iva, mela min? Ftit ilu ghidt li wahda biss tkun thobb u jien naf li kellek zewg namrati f'daqqa.

KAMAL: Ih! Kemm hawn ilsna hziena! Temminhomx ja siddti.

FEZAN: Nemminhom, ghax naf min kienu wkoll. Wahda kien jisimha Roweida u l-ohra kien jisimha Fawzija. Ghid li mhux tassew, jekk ghandek hila.

KAMAL: Din ta' barra minn hawn!

FEZAN: Kellimtni, Kamal El Buzeid?

KAMAL: Hmm, ja siddti, dawk kienu hbieb tieghi, mhux namrati.

FEZAN: (Idur ma' Kamal u jizzeg leg) Kamal! Kamal!

KAMAL: Amar ja siddti, Zuraga.

FEZAN: Kamal, qatt ma ntbaht kemm inho ok?

KAMAL: (Fil-genb) Mela llum kulhadd sa jhobbni? Zuraga, qed nisma' sewwa?

FEZAN: Sewwa qed tisma, imma jiena risqi hazin. Naf tajjeb li ma thobbnix.

KAMAL: Jien! Lilek min ma jhobbokx? Ma nhobbx pupa bhalek?

FEZAN: Thobbni?

KAMAL: Uh mela le! Imma Zuraga, int l-gharusa tal-Baxa ta' Istanbul.

FEZAN: Tassew, imma ma nhobbux. Ma rridx inkun tieghu. Kamal, lilek biss inhobb.

KAMAL: Dawn bcejjec! Mela kull min jitgharras, ma jkunx ihobb lill-gharus tieghu!!!

FEZAN: X'inhi!! Din xi trid tghid biha, Kamal?

FEZAN: Le, issa rridek tkompli. X'kont se tghid fuq Selika? *Sit.*

KAMAL: Uh, xejn.

FEZAN: Jaqaw qaltlek li ma thobbx lill-gharus taghha Fezan?

KAMAL: Tridx tmur! Ma tarax! Daqs kemm thobbu, lesta biex taqbez il-bahar. (Fil-genb) F'Lulju meta jkun b nazzi zejt.

FEZAN: Xi blow! Kamal, allura tassew thobbni?

KAMAL: Mela bic-cajt! Zuraga! (Jipprova jghannaqu u Fezan jahrablu)

FEZAN: Iskot Kamal, li ma jigix xi hadd.

KAMAL: Ghandek ragun.

FEZAN: Kamal, irridek taghmilli pjacir.

KAMAL: Mela le! Ghidli x'ghandek bzonn.

FEZAN: Hawn dil-kaxxetta, aghtiha lil Selika u ghidilha li baghtiela buha.

KAMAL: Il-Baxa Harum Abu Hassan?

FEZAN: Iva.

KAMAL: Kollox sew. Halliha f'idejja.

FEZAN: Ghalissa se nhallik. Ibqa' ahseb fija. Tinsiex jiena tieghek biss ~~inkun~~. Salaam. *OUT & REST*

(JOHROG MIN-NOFS LEMIN)

KAMAL: Salaam.

(Imur lejn il-bieb jara lil Fezan sejjer)

DEHRA IX - KAMAL U SELIKA

(Tidhol Selika mill-genb xellug)

SELIKA: Kamal!

KAMAL: (Idur lejha) Kont gej infittxek, Selika

SELIKA: Lili?

KAMAL: Iva. Ghandi dil-kaxxetta ghalik.

SELIKA: Ghalija? Min ghand min, Kamal?

KAMAL: Min ghand huk.

SELIKA: Hija Harum? Tghid xi rigal sabih? Zgur dik il-brazzulletta bid-djamant iswed li ili nitolbu. Kamal, aghtini l-kaxxetta.

KAMAL: Hawn hi.

(Jaghtiha l-kaxxetta. Tiftaghha u taghlaqha fil-pront)

SELIKA: Gurat haj!!! (Twerzieqa u taqa' fuq sufan mitlu fa, bil-kaxxetta maghluqa f'idha.)

KAMAL: Ja siddti, xi gralek? Selika! Selika! Din hassa hazin. Din intilfet minn sensiha! Imissu jigi l-Baxa u nebel jien! Ahjar niskarta baxx, baxx.

(Johrog min-nofs lemin)

XENA X - HARUM U IBRAHIM, WARA ZURAGA

(Harum u Ibrahim jidhlu mill-genb xellug)

HARUM: Din xi gralha? Selika! Selika! Ibrahim, biex hassha hazin?

IBRAHIM: Jiena ma nafx, ja sidi.

HARUM: ~~Puh~~ Uh! Kemm int injurant! Ara x'hawn! Kaxxetta!

(Jaqbad il-kaxxetta jiftaghha; jaghlaqha fil-pront u jahajjat imwerwer)

HARUM: Gurat!!!!

(Jaqa' mitluf minn sensih hdejn Selika)

IBRAHIM: Ja sidi, xi gralek? Ara hassu hazin ukoll! Ja sidi! Ja sidi Harum Abu Hassan!

(Jiebu l-kaxxetta minn idejh u jqeghda fuq it-tavolina Johrog jigri nofs lemin)

(MILL-GENB XELLUG TIDHOL ZURAGA)

ZURAGA: Hawn x'gara? Harum!! Selika! Dawn raqdu? Harum! Selika! Ih, x'wahda din, dawn hassbom hazin! Din x'inhi?

(Taqbad il-kaxxetta, tiftaghha u taghlaqha fil-pront)

ZURAGA: GUrat haj!!! (Twerzieqa; ihossha hazin u taqa' hdejn l-ohrajn).

IBRAHIM JERGA' JIDHOL MIN-NOFS

IBRAHIM: Hawn zdiedu! Din xi marda tittiehed? Ja sidi; iva qum, ja sidi, li ma nehelx jien!

HARUM: Hawn fejn jien? X'gara?

IBRAHIM: Hassek hazin, ja sidi. Ghaddielek?

HARUM: Issa qieghed niftakar. Zuraga kif tinsab hawn? Selika! Zuraga! Selika! Zuraga!

SELIKA: (Tigi f'sensiha tghajjat) Prost ghalik, Harum! Qatt ma kont nobsor ghalik!

HARUM: (Lil-Ibrahim) Ghadha thewden, miskina.

SELIKA: Ukoll! Imma kemm int wiccek tost! Inti tghid li int hija? Int bniedem bla qalb!

ZURAGA: (Tistejqer) X'gara? Fejn jien? (Tghajjat) Il-gurat!!!

HARUM: Iskot daqsxejn kwieta int, hallik mill-gurati! Ibrahim. hu dik il-kaxxetta u mur armiha b'kollox. Selika, ghadni ma nistax nifhem xi trid tghid.

(IBRAHIM JAQBAD IL-KAXXETTA U JOHROG MIN-NOFS LEMIN)

SELIKA: Eh, le? Daqsbekk tobghodni! Tib hatli gurat haj biex taghtini qata?

ZURAGA: Harum, mela l-gurat int ghamiltu f'dik il-kaxxetta!

SELIKA: Mela min! Biex ibqabbadni suffejra.

HARUM: Ih, kont se nghidlek min!

ZURAGA: Mhux sewwa, Harum Abu Hasan. Jien ukoll haddt qata' kbira. Ara, ghadni nirtghod s'issa.

HARUM: Tistghu tghiduli x'intom thawwdu?

SELIKA: Imissu jisthi, jaghmilli praspura bhal din!

ZURAGA: (Tolfoq) Bil-qata' li haddt, hsibt li se mmut.

HARUM: Issa qeghdin tajjeb! Vjolin u kuntrabaxx jonqosna! Nista' nkun naf ghal fejn qed tibku?

SELIKA: Nibki iva, ghax int ma tahmilnix.

HARUM: Mhux tassew, Selika.

ZURAGA: (Tibki) Ghadni bill-hass hazin.

HARUM: Araw, issa iaqfu mill-biki, imbaghad ibku l-gimgha ddiehla. Selika, kif giet ghandek dik il-kaxxetta?

SELIKA: Int ma tafx? Mhux int baghtieli?

HARUM: Jien! Mhux tassew! Kieku baghddtielek jien, kont niftaghha u niehu qata' bhal dik, daqs kemm nibza' mill-gurati hajjin!

SELIKA: Mela int ukoll haddt qata'?

HARUM: Dan zgur!

ZURAGA: Selika, min taghhielek il-kaxxetta?

SELIKA: KAMAL.

HARUM: Kamal!

SELIKA Iva Harum; u qalli li baghddtieli int.

HARUM: Mhux tassew, jien ma nag httlek xejn.

ZURAGA: Ih, dan mhux sewwa! Dkn qis li taraha, Harum.

HARUM: Dan zgur li naraha.

SELIKA: Stennew ftit, ghax issa qed nigi f'sensijasewwa. Zuraga, int iili tajtni xi gurat biex naghtih lil Harum?

ZURAGA: Jien! Isma hej, int kemm thawwad! Ma ghadekx kemm ghidt li kien Kamal, issa kif qeghda twahhal fija?

SELIKA: Le, le, mhux ghal dan.

HARUM: Ghal-labra qeghda tghid. Dik li tajta biex taghtiha lili.

ZURAGA: Jien! Mhux tassew, jien ma tajtha xejn.

SELIKA: (F'widnejn Harum tghajjat) Rajtx!!!

HARUM: Il-mnieghel jiehduk, x'qata tajtni! Hemm bzonn tghajjat f'widnejja?

SELIKA: Mela din brikkunata ohra tieghek! Int m'hintix bniedem. Int tigra feroci!

HARUM: Stenna ftit, Selika. Stenna ftit qabel ma nitlef sabri. Zuraga, mhux int ghidtli li tajta lil Selika?

ZURAGA: Le, mhux tassew.

SELIKA: Imma kemm tiflah tghid kliem b'iehor?

ZURAGA: Hekk mhux sewwa, Harum Abu Hasan. Dan ghax qieghed tigdeb fuqi?

HARUM: Dawn bcejjec! Fl-ahhar se ggenninni. Zuraga, toqghodx tghidli li qed nigdeb fuqek. Ftit ilu ghiddtli li l-gurat baghtdtuli ma' Selika.

ZURAGA: Af li sejjer zball. Ara kemm hu hekk, il-gurat qeghddtulek fil-kamra tieghek.

HARUM: Tghidlix le. Int ghiddtli hekk; jiena m'hinix rieqed.

SELIKA: Int missek qieghed f'kamra tal-lastku.

(Tgholli mnehirha 'l fuq u tibqa' hierga mix-xellug)

HARUM: (Ihabbat saqajh mal-art) Selika! Fl-ahhar nispicca biex nibbalzmaha.

ZURAGA: (Bil-hlewwa) Isma', Harum, dan x'fettillek?

HARUM: X'jigifieri?

ZURAGA: Ara x'jigifieri! Ghal fejn qed taqla' dal-gideb fuqi? Jien semmejtlek lil Selika?

HARUM: Dan zgur li semmejtieli.

ZURAGA: Mhux tassew.

HARUM: Int kemm tinsa' ghidli haga? U meta semmejtieli, bdejt ticcajta.

ZURAGA: (Fil-genb) Dan bilfors qed jiggennen! Ara issa li kien kien.

HARUM: Emminni, Zuraga li qed inhoss rasi ddur bija.

ZURAGA: Ara, issa toqghodx tehodhom bi kbar. L-ahjar haga hi, li tmur tistrieh f'kamartek.

HARUM: AHjar, hux?

ZURAGA: F'kazi bhal dawn, m'hemmx ahjar mill-mistrieh. Isma' minni gonglu ta' qalbi, fittex mur.

HARUM: Hekk se naghmel, gedida. Salaam.

ZURAGA: Salaam.

(Harum johrog mill-genb xellug)

## XENA XI
## ZURAGA U SALEDI

(Jidhol Saledi min-nofs lemin)

SALEDI: Zuraga!

ZURAGA: (fil-genb) Rega gie dal-ghasfur tal-bejt

SALEDI: Kollox sew?

ZURAGA: Kollox mghawweg, trid tghid. Dalwaqt igorruna lejn il-manikomju.

SALEDI: Issa hallik mic-cajt. Irrangajt mal-ghases?

ZURAGA: X'ghases huma?

SALEDI: Din isbah! Mhux diga fhemtek?

ZURAGA: Lili! X'fehmtni?

SALEDI: Zuraga, ara mieghi, toqghodx tilghab tal-ors tef!

ZURAGA: Jahasra, ghadni ma nista' nifhem xejn.

SALEDI: Bizzejjed! X'ghamilt? Accettaw li jinxtraw?

ZURAGA: (Fil-genb) Dan x'inhu jhawwad? Se tixtri xi lsira, Kmandant?

SALEDI: Issa se ttellifni sabri! Jaqbillek tkellimni bis-serjeta'.

ZURAGA: Isma', jekk nigu f'den int qed ticcajta, mhux jien.

SALEDI: Eh, jien qed niccajta!

ZURAGA: Uh, mela jien!

SALEDI: Zuraga, ftit ilu kellimtek u ghiddtlek car biex tipprova tixtri l-ghases tal-Baxa; u int weghddtni li taqdini.

ZURAGA: Jien! (Fil-genb) Dan iggennen ukoll! Saledi, jekk ma ghandekx x'taghmel, mur ixtri kejla habbaziz u oqghod ghomodu.

SALEDI: (Johroq l-istallett) Mela tridni nidfen dan l-istallett go qalbek!

ZURAGA: Ara ma ticcajtax, fhimt?

SALEDI: Mela ghidli x'ghamilt? Irnexxejta l-bicca xoghol?

ZURAGA: Imma jahasra xi tridni nghidlek? Emminni li ma nistax nifhmek wahda. X'ghases huma li qed issemmi?

SALEDI: L-ghases li jkunu madwar il-Baxa, meta jkun rieqed. Kellek tara kif taghmel u....(Jintebah bin-nuqqas tal-brazzuletta). Il-brazzuletta! Ghax nehhejtha minn idek?

ZURAGA: Issa gej bil-brazzuletta? Mela tassew tlift rasek? Jien ma nehhejt l-ebda brazzuletta.

SALEDI: Mhux tassew. Fejn hi l-brazzuletta li tajtek? Fejn hi l-brazzuletta bid-djament iswed?

ZURAGA: Uh mela int tajtni xi brazzuletta!

SALEDI: Kif! Fuq din ukoll se tmerini!

ZURAGA: Jaqaw kull min jidhol hawn gew jiggennen?

SALEDI: Zuraga, qieghed nara li ma tridx tiftiehem mieghi. Wahhaltha f'rasek li ttemm hajtek minn taht idejja, hux?

ZURAGA: Ara, ma wahhalt xejn. Int ma tridx tifhem; daqs kemm ilek thawwad.

SALEDI: Qeghda thawwad int, imma ma tehlisiex minn taht idejja.

ZURAGA: Af li sejjer imqarraq, Saledi Ben Mahmud. Lili ma tajtni l-ebda brazzulletta. Dik irregalajtha lil xi hadd iehor u nsejt.

SALEDI: Jiena ma ninsiex. Jekk int mara, ahlef li qeghda tghid is-sewwa.

ZURAGA: Nahlef fuq it-tarbux ta' Mawmettu.

SALEDI: Ih! Mawmettu, sodd widnejk.

ZURAGA: Ghaliex tridu jsodd widnejh?

SALEDI: Ghax jekk jisimghek jillamtak.

ZURAGA: Jillamta lilek, mhux lili, daqs kemm ilek tghid kliem b'iehor!

SALEDI: (Jinzel gharkuptejh isalli u jirrepeti) Mawmettu, ahfrilha!

ZURAGA: (Fil-genb) Kif halliena miskin! Ara, jien ukoll, x'kull bahnan insib!!!

S I P A R J U

TMIEM IT - TIENI ATT

Ix-xena hija l-istess wahda bhaz-zewg atti l-ohra.

---

XENA 1 - KAMAL U ZURAGA

Zuraga bil-qeghda tirrakkma fuq it-tanbur. Jidhol Kamal min-nofs lemin.

KAMAL: (Imissilha qadduma) X'hemm helwa? Kif inti gizimina ta' qalbi?

ZURAGA: X'inhi din! Ara ma tiehux kunfidenza mieghi, taf, ghax nimlilek wiccek bid-daqqiet ta' harta!

KAMAL: (Fil-genb) Din x'taha, mill-ewwel 'l hawn? Zuraga, ghax qeghda tkellimni hekk?

ZURAGA: Ghax hekk jixraqlek. U jekk terga' tazzarda nghid lill-Baxa.

KAMAL: Trid ticcajta, hux, stefanotis tal-mimmi ta' ghajnejja

ZURAGA: Ghidli haqa, Kamal El Buzeid, jaqaw trid issib ruhek taghli fiz-zejt?

KAMAL: Imma ghax qeghda taghmilli hekk? Ma rridx cajt bhal dan, ghax tweggaghli qalbi, fhimt?

ZURAGA: (Fil-genb) Ara niccajtalu, lil dal-pappamosk! Kamal, lilek xi darba tajtek kunfidenza?

KAMAL: Mela le! Ftit ilu ghiddtli li thobbni u li trid tkun tieghi.

ZURAGA: X'inhu! Jien! Pastas! (Taghtih daqqa ta' harta)

KAMAL: Ajma!

ZURAGA: MA tisthix, taqla' qhajja bhal din fuqi!

KAMAL: Ara kif jaghmlu n-nisa!!!

ZURAGA: Qatt ma kont nobsor li ghandek wicc tost daqshekk! Imma ma tergax tazzarda mieghi, ghax rasek ma tibqax fuq ghonqok.

KAMAL: Isma' Zuraga, dan x'hoghob hu? Mela int iddur ma' kull rih?

ZURAGA: X'inhi din! Trid tkompli tinsulentani,

KAMAL: Imma dan x'tak? Jaqaw ghawwewk ghalija? Ghax ftit ilu, malli rajtni inhallejt.

ZURAGA: Jien inhallejt! Dan meta?

KAMAL: Ara meta! Meta tajtni l-kaxxetta.

ZURAGA: X'kaxxetta hi?

KAMAL: Dik li tajtni biex naghtiha lil Selika.

ZURAGA: Dik...dik li kien fiha l-gurat!!

KAMAL: Eh, taf liema hi hux!

ZURAGA: Il-mnieghel, kemm tiflah taqla' kliem b'iehor fuqi! (Taghtih bil-harta( Vili! Pastas!

KAMAL: Ajma! Ajma! Kif! Fuq din ukoll se tmerini?

ZURAGA: Imissni mammerikx ukoll! Bravu ghalik, Kamal! Issa aktar qieghed fil-frisk!

KAMAL: Qieghed fil-frisk biex?

ZURAGA: TAf aktar minni, Kamal. Mela l-brikkunata tieghek, trid twaqqaghha fuqi eh, jamishut li int!

KAMEL: Xi brikkunata hi?

ZURAGA: Tal-gurat. L-ewwel tajt qata' lil Selika....

KAMAL: Imma jien ma kollix htija. Jiena ma kontx naf x'kien hemm fil-kaxxetta.

ZURAGA: Le, ma kontx taf, Kamal? Imbaghad ha qata' l-Baxa waqa' ghaxi fuq is-sufan.....

KAMAL: Il-Baxa ukoll!!!

ZURAGA: Imbaghad gara l-istess lili.

KAMAL: Int! Int kif stajt tiehu qata?

ZURAGA: Ghala ma stajtx?

KAMAL: Il-gurat mhux int qeghddtu fil-kaxxetta?

ZURAGA: Kamal!!...Se ttellifni sabri! Dalwaqt nghidlek min. Halli mmur insib lill-Baxa....

KAMAL: (Izommha) Le, le. Ara ma taghmilx xi wahda taf!!! Zuraga, jahasra, ghax qeghda taghmilli hekk?

ZURAGA: Ghandek il-wicc tistaqsini?

KAMAL: Imma int kemm tinsa, Zuraga? Mhux int tajtieli l-kaxxetta?

ZURAGA: Se terga tibda?

KAMAL: Ara ipprova iftakar...Meta kellimtni fuq Fezan

ZURAGA: Jien kellimtek fuq Fezan!!!

KAMAL: Iva, meta staqsejtni jekk jonhorx.

ZURAGA: Jien!!! Jien x'jimpurtani jekk Fezan jonhorx jew le.

KAMAL: Dawwartli rasi, skantajtni, nixxiftni u bellahtni.

ZURAGA: Iva, Kamal! Ma hsibtx li din se tghaddiha lixxa, hux?

KAMAL: Ara jien f'hiex kelli nsib ruhi! Zuraga ghalkemm ma ghandix htija, xorta wahda nitolbok tahfirli.

ZURAGA: Tweghdni li ma tergax tazzarda?

KAMAL: Iva inweghdek. Ma nergax.

ZURAGA: TAjjeb, mieghi hlista; imma issa ara kif se twiegbb lill-Baxa.

KAMAL: Lill-Baxa!

ZURAGA: Dan zgur! Dak irid ikun jaf min kien kagun, talqata' kbira li ha.

KAMAL: Mela nista' nlesti biex nghum bil-qama fiz-zejt jaghli.

(Johrog mill-genb lemin)

XENA IV.

ZURAGA, HARUM U FEZAN; WARA SELIKA

(Zuraga tersaq lejn il-genb xellug. Jidhol minnofs xellug Harum, u jmur lejn nofs il-palk. Jara lil Zuraga hierga mill-genb xellug. Fl-istess waqt jidhol Fezan min-nofs ~~xellug~~ u bla ma jaghti kaz ta' hadd, jiboq' hiereg mill-genb lemin. Harum jibda' joghrok ghajnejh u jmiss wiccu, speci biex jara jekk hux rieqed. Imur lejn il-genb xellug u....)

HARUM: Selika! Selika!! Selika!!!

(Imur bil-qeghed fuq is-sufan. Tidhol Selika min-nofs xellug)

SELIKA: X'gara, Harum? Qed ihossok hazin?

HARUM: Ma hassnix hazin ghax ghax. Tghidx x'qata ghandi fuqi.

SELIKA: Imma biex haddt qata'? Jaqaw rajt lil Mawmettu?

HARUM: Uh, le Selika x'inti thawwad?

SELIKA: Imma xi haga gralek; sirt isfar daqs il-qarsa taxxama. Harum Abu Hasan, ghidli xi gralek.

HARUM: Kont hawn u rajt lil Zuraga hierga minn hawn. (Juri l-lemin) Fl-istess hin, rajtha hierga minn hemm (Juri x-xellug)

selika; U mur gharraq gennek! L-anqas haqq il-qata' li tajtni! Mela daz-zmien qed tohlom imqajjem?

HARUM: Ohti....ghaziza Selika....qed nghidlek, rajt lil Zuraga f'zawg postijiet fl-istess hin.

SELIKA: Harum, ghatti ghajn wahda.

HARUM: X'naghmel?! Jiena bilkemm nara bit-tnejn, ahseb u ara b'ghajn wahda!

SELIKA: Stenna ftit. (Tmur erba' passi boghod, tgholli idha u fiftah zewgt iswaba) Harum Abu Hasan, dawn kemm huma?

HARUM: Ih! Kont se nghidlek kemm huma! Ghidli hage, Selika, mela int ma temmen xejn?

SELIKA: Uh, issa ma tarax! Ara ma tmurx tghid hmerija bhal din, man-nies tal-Palazz, taf, ghax jghadduk ta' balalu!

HARUM: Imma li oed nghidlek gara tassew.

SELIKA: Jiena naf x'gara. Jien ilni nghidlek, imma qatt ma ridt tisma minni.

HARUM: Selika, jekk int ma kontx hawn kif taf x'gara?

SELIKA: Harum Abu Hasan, kull ma gara kollu htija tal-qarabaghli.

HARUM: Il-qarabaghli x'ghandu x'jaqsam?

SELIKA: Mela ma ghandux? Ghal kolazzjon ta' filghodu tiekol il-qarabaghli. f'nofs inhar qarabaghli; filghaxija qarabaghli. Ara xi gralek issa; nixxift mohhok u sirt injurant daqs il-qara baghli.

HARUM: Qeghda tghid kollox bil-maqlub. L-gherf u s-sahha li ghandi gejjin mill-qarabaghli.

SELIKA: FEjn hu l-gherf li ghandek?

HARUM: Mela ma tismagghomx jghiduli?

SELIKA: Imma dak biex jimpusturawk. Biex jiehdu xi haga minn ghandek.

HARUM: Selika, allura ma tridx temmen li fl-istess hin rajt lil-Zurage hawn u hemm? (Juri b'idu)

SELIKA: L-anqas kieku rrid ma' nista nemmen. Hija Harum, int ghandek tletin mara u kollha sbieh, ma nistax nifhem kif tlift mohhok wara Zurage.

HARUM: Min qallek li tlift mohhi warajha?

SELIKA: Meta taraha f'zewg postijiet fl-istess hin, mhux bilfors li tkun tlift ghaqlek warajha? U nerga' nghidlek ma nafx ghaliex, ghax ghandek nisa' wisq isbah minnha.

HARUM: Kemm ahna sbieh, min jaf jarana! sejjaht lilek bhala ohti biex tikkunslani u flok li ghadirtni ftaht il-kanuni kollha kontra tieghi.

SELIKA: (toggi idha fuq spalltu; bil-hlewwa) Harum Abu Hasan, forsi tkellimt iebes, imma kellimtek hekk ghal gid tieghek. Bhala ohtok, ma nishux pjacir, meta narak tiffissa fuq xejn. Kollox sew; ghandek grazzja ma' Zurage; Hobbha u zzewwigha, imma m'hemmx ghal fejn taghmel dawn il-hmerijiet...m'hemmx ghal fejn taraha doppju.

HARUM: Se terga tibda.

SELIKA: Mhux se nerga' nibda, qis li tisma' minni. Bilhaqq ghalli jista jkun, ma xrobtx xi xarba mbid, hux?

HARUM: Le, ghaliex?

SELIKA: Ghax min jisker, jara doppju.

HARUM: Ahjar immur 'l hemm, ghax maghkom in-nisa ma tiehux pa

SELIKA: Imma isma minni, Harum. Titkellem ma' hadd fuq dil-haga.

HARUM: U ghaliex ma ghandix nitkellem?

SELIKA: Ghax iddahhak in-nies bik.

HARUM: (Isabbat saqajh mal-art) Selika, li ma kontx ohti, ili li ghamiltek ftajjar tal-makku.

(Johorgu min-nofs xellug)

Prepare Flezan 4
Business w/ Zurage

Ibrahim, jien tlabtek biex dil-biċċa xogħol tibqa segrieta u kieku floki kienet Żiroga, kont tgħarraq kollox. Qis li toqgħod attent.

## XENA V

SELIKA, FEZAN U ZURAGA, WARA KAMAL

Business

(Wagt li Selika tkun fin-nofs crib ir-rabalta, min-nofs xellug tidhol Zuraga u tohrog mill-genb lemin. Fl-istess wagt jidhol Fezan - liebes ta' mara min nofs lemin u johrog mill-genb xellug. Selika tibda' toghrok ghajnejha, tpetpithom; taghlac ghajnha l-leminija, imbaghad ix-xellugija ecc. Jidhol Kamal mill-genb lemin).

KAMAL: Selika, xi gralek? Dahallek xi haga f'ghajnejk?

SELIKA: Mela hija kellu ragun jara doppju.

KAMAL: X'inhi din! Mela sidi l-Baxa Harum ced jara doppju?

SELIKA: Le; jiena hsibt hekk. (Pawsa) Kamal int catt rajt doppju?

KAMAL: Uh, min jaf kemm-il darba!

SELIKA: Tassew?

KAMAL: KELma ta' Kamal El Buzeid. Kull meta nisker dejjem nara doppju.

SELIKA: U mur indifen int!!! (Pawsa) Imma dan x'tahwid hu?

KAMAL: Ghal-liema tahwid ced tghid, Selika?

SELIKA: L-anqas jien stess ma naf. Illum donnu li gara xi haga.

KAMAL: Bhalek nahsc, Selika. Qed inhossni qisni cieghed f'qafas tal-imgienen. (Pawsa) Isma', ghadek ma ghiddtlix x'ced jara doppju.

SELIKA: Min?

KAMAL: Huk il-Baxa Harum Abu Hasan.

SELIKA: Hija!!!

KAMAL: Mhux int ghiddt li huk cedjara doppju?

SELIKA: Le. Jiena ma ghiddtx hekk. Kamal, tooghodx tivvinta stejjer fuc hija, taf!

KAMAL: Jien ma ced nivvinta xejn. Qedintenni dak li ghidt int.

SELIKA: Jien ma ghidt xejn.

KAMAL: Kollox sew; kollox sew. Int ma ghidt xejn u jien a ma smajt xejn. Sewwa hekk, l-isbah pupa ta' Istanbul?

SELIKA: (Turi li hadet pjacir) Iva, Kamal...sewwa. Tista tmur.

KAMAL: Salaam.

SELIKA: SAlaam.

KAMAL JOHROG MILL-GENB LEMIN. SELIKA TERGA' TPETPET GHAJNEJHA, TAGHLAQ WAHDA' IMBAGHAD L-OHRA; WARA TGHOLLI SPALLITHA U TIBQA' HIERGA MILL-GENB XELLUG.

Centre From R.

## XENA VI

FEZAN U IBRAHUM, WARA ZURAGA , WARA SELIKA

Z A N

(Fezan jieqaf fil-bieb tan-nofs, ihares lejn il-lemin u jaghmel sinjal lil xi hadd biex jigi. Fezan jibca' diehel u wara ftit jidhol Ibrahim. Jersac lejn Fezan u cabel ikellmu jaghti harsa madwaru).

IBRAHIN: Int Fezan jew Zuraga?

FEZAN: (Tghajjat) Bravu ghalik, kemm int injorant!!! Issa kieku kienet Zuraga x'kont taghmel? X'kont tghidilha?

IBRAHIM: Uh, mhux malajr kont ingib xi skuza?

FEZAN: (Jikxef wiccu) Mela le! Daqs kemm int gharef! Ara jien x'kull basla nsib!

IBRAHHM: Imma tassew li malajr kont ingib skuza.

FEZAN: Ibrahim, jien talbtek biex dil-bicca xoghol tibca' sigrieta u kieku floki kienet Zuraga, kont tgharrac kollox. Qis li tooghod attent.

IBRAHIM: Kollox sew, nobdik. Issa ghidli x'ghandek bzonn.

Hawn dil-kaxxa biex tagħtiha lill sidditna Żuraga.

Mhix biċċa tiegħek. Agħtiha l-kaxxa u għidilha li bagħtitha l-Baxa.

Hekk nohsel Ibrahim.
Issa la ġiet għot-tohwid inkomplu nħowdu.

Mhux iħobbok sew, imma jgħanfidha! Għoffiġlu Ġejon. Mela dejjem irid jitfgħoni fiż-żejt jogħli. Ejja ma ngħidlek Ġejon hu ħsieb.

FEZAN: Hawn dil-kaxxa biex taghtiha lill-siddtna Zuraga.

IBRAHIM: Din x'fiha?

FEZAN: Mhix bicca tieghek. Aghtiha l-kaxxa u ghidilha li baghtielha l-Baxa.

IBRAHIM: Eh, mela xi rigal sabih!

FEZAN: Hekk nahseb, Ibrahim. (Fil-genb) Issa la giet ghat-tahwid, inkomplu nhawwdu.

IBRAHIM: Ghid lil sidna l-Baxa li ma ghandux ghal fejn ihabbel rasu.

FEZAN: (Fil-genb) Mhux ihabbel rasu, imma jqanfidha! Ghaffiglu Fezan! Mela dejjem irid jitfani fiz-zejt jaghli!

~~FEZAN~~: Xejna ma nghidlek, Ibrahim, hu hsieb.

IBRAHIM: HAlli f'idejja.

TO PAGE 35 VIA R.

(Fezan jghatti wiccu u johrog jizzegleg min-nofs lemin)

TIDHOL ZURAGA MILL-GENB LEMIN

ZURAGA: Ibrahim, lil Fezan rajtu xejn?

IBRAHIM: Iva, ja siddti. Issa ghadu kif kien hdejja. Jghatti halqu b'idejh) Hmm, le, le. Ma rajtux. Ma rajtux.

ZURAGA: Rajtu jew ma rajtux?

IBRAHIM: Le, jahasra, ma rajtux, ja siddti. (Fil-genb) Mill-ewwel kont se naghmel froga!

ZURAGA: Ibrahim, ma nafx kif qeghda narak. Donnu gralek xi haga.

IBRAHIM: Le, le, ma grali xejn. Ih, kif kont se ninsa! Il-qalbieni Baxa ta' Istanbul, il-kbir Harum Abu Hasan, baghtlek din il-kaxxetta.

ZURAGA: (Tiehu l-kaxxa) Ih, zgur xi rigal sabih! Stenna ftit... Ibrahim, ha l-kaxxetta u iftaghha int, li ma jergax ikun fiha xi gurat!

IBRAHIM: Halli f'idejja, ja siddti Zuraga.

(Ibrahim jiehu l-kaxxetta. Zuraga tmur ftit passi boghod. Ibrahim jiftah il-kaxxetta u jibqa' jhares go fiha mistaghgeb.)

ZURAGA: X'hemm, Ibrahim? Xi gurat?

IBRAHIM: LE, ja siddti.

ZURAGA: Mela xi gremxula?

IBRAHIM: (Jibqa' jhares fil-kaxxa) Le, ja siddti.

ZURAGA: Iva, ghidli x'fiha, ghax se toqtolni bil-kurzita'.

IBRAHIM: Brazzulletta tad-deheb bi djamant iswed.

ZURAGA: Tassew!! (Tigri lejn Ibrahim, tiehu l-kaxxetta u TOHrog il-brazzulletta) Ih, xi gmiel! Ara xi djamant! Ibrahim, tista tmur.

(Ibrahim isellem u johrog min-nofs lemin. Zuraga tilbes il-brazzulletta.)

TIDHOL SELIKA MILL-GENB XELLUG

SELIKA: Zuraga, rajtu xejn it-tanbur?

ZURAGA: Ih, x'kull wahda! Mela sejra ddoqq fil-banda? X'tanbur hu li qeghda tfittex?

SELIKA: U tar-rakkmu. Hallejtu warajja x'imkien u nsejt fejn.

(IDURU FTIT MAL-PALK IFITTXU)

ZURAGA: (Terfa idha li jkun fiha l-brazzulletta ma' rasha) Illum qeghda nhoss rasi tqila daqs ic-comb u ma ghandix mohh nirrakkma.

SELIKA: (Fil-genb) Daqs kemm int ghazziena! Ruhi, Zuraga, lili tini nirrakkma u taghtini xejn izjed.

ZURAGA: Eh, jien ukoll inhobb nirrakkma. (Tgholli idha taparsi Tirranga xaghra) Mela nsejt kemm gie helu dak il-pittirross li rrakkmajt!

SELIKA: (fil-genb) Mela le! Kien qisu ghasfur tal-bejt imnittef. Eh, ghal dak l-ghasfur, hux? Iva, kien gie helu tassew. Niftakar, hija Harum kien baqa' b'halqu miftuh.

ZURAGA: (Fil-gemb)Imissha dahlitlu xi nemusa! Isma' Selika, ix-xoghol tar-rakkmu ma hawnx isbah minnu.

SELIKA: U nghid! Issa se nibda nirrakkma tapit kbir hafna.

ZURAGA: Mela se jkollok bicca xoghol iebsa, Selika, ghax flok tanbur, ikollok bzonn katuba. (Terga tgholli idha ma' rasha)

SELIKA: Dik...dik...il-brazzulletta,

ZURAGA: Toghgbok? Din rigal ta' huk.

SELIKA: X'inhi!!

ZURAGA: Ih, x'kull wahda! Ghal fejn qeghda tistaghgeb dawshekk?

SELIKA: Ghax dil-brazzulletta tieghi.

ZURAGA: Uj, ajma ma nitkesshux, Selika! Huk se jtini hwejjgek? La taghieli sinjal li hi tieghu.

SELIKA: Imma dik weghda lili. Ilu zmien iweghdieli.

SURAGA: Issa dik hag'ohra. Huk ghogbu jaghtiha lili, u jien accetajtha.

SELIKA: Imma mhux suppost li tahielek.

ZURAGA: Selika, dil-haga araha ma' huk. Jiena ma nindahalx.

SELIKA: Zuraga, ghadni ma rridx nemmen li tahielek hija. Ghadni ma rridx nemmen li hija Harum Abu Hasan wasal sa ' hawn.

ZURAGA: Imma jkollok temmen, ruhi, Selika. (Pawsa) Isma', wara kollox, kemm se ggibha bi kbira, ghax taghni brazzulletta?

SELIKA: Ghax int kont taf li weghda lili. Din xi manuvra tieghek. Ili li ntbaht li tghir ghalija.

ZURAGA: Jien ghal fejn ghandi nghir ghalik, x'kull wahda! Int oht il-Boxa; u jien ftit granet ohra nkun martu. U meta nsir martu, inkun aqwa minnek.

SELIKA: Hekk hu, Zuraga la ghandi hija belalu.

ZURAGA: Ghidlu f'wiccu.

SELIKA: Imissni ma nghidlux!!! L-ancas nilhaq narah!(Pawsa) Imma kif irnexxielek tislohlu brazzuletta bhal dik?

ZURAGA: Sejra mqarrqa, Selika. Dil-brazzuletta qatt ma tlabtielu. L-ancas kont naf biha.

SELIKA: Dan zgur! Aqta' kemm int fidila!

ZURAGA: (tibda hierga) Ara halli mmur 'l hemm. X'kull wahda wkoll!.

(tohrog min-nofs xellug)

XENA XII
SELIKA, HARUM, WARA ZURAGA

(Wara li tohrog Zuraga, Selika tidher tahseb. F'daqqa wahda taghti salt biex tohrog mill-genb xeklug. Fl-istess waqt, mill-istess bieb, jidhol Harum).

SELIKA: Kont gejja nfittxek.

HARUM: Mela habat tajjeb ghax iffrankajtlek triq.

SELIKA: (Ma' kull sentenza li tghid, Harum jiftah halqu biex jitkellem, imma ma thallihx). Harum, int tghid li int hija? Int aghar mill-barranin! Il-barranin jirrispettawni aktar minnek. Int tiftahar li taf thobb? Int mostru! Hallewni f'idejn tajba l-genituri meta hallewni f'idejk! Ghandi biex niftahar! Ma tisthix taghmilli azzjoni hazina bhal din! Ghid xi haga, mela mmutajt? Tkellem jekk ghandek!

HARUM: (Issa Harum ma jhallix lil Selika titkellem) Mela int hallejtni niftah halqi! Int x'int, mara, jew kalandra? Xi tridni nghid? Mela jiena naf x'qed thawwad? Imissbom ma hallewkx f'idejn tajba l-genituri! Fejn se ssib ragel hanin bhali? U dan ghal fejn ilqajtni hekk? Ghal fejn ftaht il-kanuni kollha kontrija? Ma tghid xejn, issa hux? Immutajt. Gralek bhal huta. Tkellem, halli nara kemm int brava! Melammutajt? Issa ma tridx titkellem? Spiccatlek il-pulikarja? Tkellem, ghid xi haga.

SELIKA: Qtajtli nifsi! Kif nista' nitkellem? Jien kalandra, hux, imma int tellerita.

HARUM: Issa hallik min-nofs. X'gara?

SELIKA: Bhalliekieku int ma tafx x'gara; hemm bzonn nghidlek jien! Imma kif tasal biex ma zzommx kelmtek mieghi?

HARUM: Selika, f'gieh it-tarbux ta' Mawmettu, ghidli x'gara, ghax tassew li ma nafx.

SELIKA: Dik il-brazzulletta tad-djamant iswed.

HARUM: Se tibqa' thewden fuqha? Ghidtlek kemm-il darba, li meta jasal il-waqt, dik il-brazzuletta tkun tieghek.

SELIKA: (Tghajjat) Tkun bomba tisplodik! Kif tista' tkun tieghi meta tajta lil Zuraga?

HARUM: (Imissilha mohha) Selika, int ghandek id-deni. Int bilforsli m'ahniex, biex tigi tghidli li tajt il-brazzuletta lil Zuraga! Min gie jbellalek wahda bhal din?

SELIKA: Le, le, Harum Abu Hasan. Hadd ma bellahhieli. Il-brazzuletta, rajtha b'ghajnejja stess.

HARUM: Selika, af' li qeghda tohlom.

SELIKA: Qeghda nghidlek, rajta b'ghajnejja stess, ftit minuti ilu.

HARUM: Selika, ara x'se nghidlek ara ma rridx nisma' kliem b'iehor bhal dan, fhimt? Dan fejn se naslu issa?

SELIKA: Il-kliem b'iehor int qed tghidu. Zuraga stess qaltli li tajthiela int.

HARUM: X'inhu! Jien! Mhux tassew.

SELIKA: Ghidli haga, Harum Abu Hasan, jaqaw lili hsibtni xi belha? Rajt il-brazzuletta f'idejn Zuraga, qaltli hi stess li tajthielha int, u tigi tghidli li ma tajtha xejn. Jaqaw qed tahseb li se tghaddini biz-zmien?

HARUM: (Jghajjat) Selika, issa se ttellali l-mustarda! Jaqbillek ma tkomplix tghid il-kliem b'iehor.

(TIDHOL ZURAGA MIN-NOFS XELLUG)

ZURAGA: Harum Abu Hasan! Gonglu ta' qalbi, nizzikhajr. Rigal bhal dan, qatt ma stennejtu.

HARUM: X'rigal hu?

ZURAGA: Il-brazzuletta bid-djamant iswed!

SELIKA: (Tghajjat kemm tiflah f'widnejn Harum) Rajtx!!!

HARUM: (Jghola bil-qatga') Il-mniefah jiehdux, x'qata tajtni! Hemm bzonn tghajjat f'widnejja? Zuraga, dik il-brazzuletta mnejn gibtha?

ZURAGA: (Titkessah) Ih, x'kull wahda! Minn ghandek, Harum.

SELIKA: Qed tara kemm ghidt kliem b'iehor? Ghandek hila tichad issa?

HARUM: (Mghaddab) Zuraga, irrid naf kif giet ghandek dik il-brazzuletta?

ZURAGA: Ajma, kemm int kiesah, warda tax-xemx ta' qalbi! Dan ghal fejn qed taghmel hekk? Jaqaw qed jisghobbik li tajtieli?

SELIKA: Imma kemm jaf jilghaba tal-innocenti, hux?

HARUM: Dalwaqt tkunu tafu. Selika imxi mieghi.

SELIKA: Fejn?

HARUM: (Jghajjat f'widnejha) Imxi mieghi ghiddtlek!!

(SELIKA TAQBEZ BIL-QATA U TIMXI WARA HARUM B'IDEJHA MGHAQQDIN. JOHORGU MILL-GENB XELLUG)

XENA VIII

ZURAGA U SALEDI, IMBAGHAD FEZAN, IMBAGHAD HARUM

SALEDI: Zuraga!

ZURAGA: (Fil-genb) Ara kif qabad mieghi, dal-fellus imnittef! X'rega' nqala', Saledi Ben Mahmud?

SALEDI: Dalwaqt nghidlek x'inqala. Tista tghid li x-xemx, ghada mhix tiela ghalik.

ZURAGA: Ih, x'kull wahda nisma! Ix-xemx ukoll bil-preferenzi?

SALEDI: M'intix se ddum ticcajta, la int u l-anqas il-Baxa, gharus tieghek. Mela mort tghidlu kollox, hux?

ZURAGA: X'mort nghidlu? X'se tohloq issa?

SALEDI: Mort ghidlu li rrid noqtlu. Mort taghtih it-taghrif kollu.

ZURAGA: Mhux tassew. Lill-Baxa ma ghidtlu xejn. Mnejn sirt tafha dil-hmerija?

SALEDI: Minn imkejjen li soltu jkunu informati tajjeb. Sirt naf li l-Baxa Harum Abu Hasan, jaf bil-pjan li ghandi f'mohhi.

ZURAGA: U jiena nghidlek li ma jaf b'xejn. Min qallek hekk ried jidhak bik.

SALEDI: (Jara l-brazzuletta) Melakont qed nghid is-sewwa! Hemm hi l-brazzuletta bid-djamant iswed!

SURAGA: Din? Dan zgur! Imma bis-sahha tal-Baxa. Int fanfarunati biss ghandek. Dak ragel galantom! Ara xi gmiel ta' rigal! Ara xi gmiel ta' djamant!

ZURAGA: Zuraga, qed nghidlek li dik il-brazzuletta hija l-istess wahda li tajtek jien.

ZURAGA: Int! Dan meta? Fejn?

SALEDI: Hawn; u ilbista quddiemi.

ZURAGA: U mur orqod. Ghandek ghattx!

SALEDI: (Jghaggibha) Int mara hazina! Mela wasalt biex tahlef fil-falz!

ZURAGA: U mur orqod! Ma hlift xejn fil-falz. Dik il-brazzuletta taghieli l-Baxa. U biex tkun taf kemm hu veru, Selika hadet ghaliha, ghax qalet li kien weghda lilha.

SALEDI: Allura int min ghalik li qeghda tghaddini biz-zmien? Int qeghda tahseb li se tbellali dal-hmerijiet kollha!

ZURAGA: Imma ghax qed tghid hekk, Saledi Ben Mahmud? Lili qatt qbaddtni f'xi gidba?

SALEDI: Le, imma llum qbaddtek f'gidba hoxna. (Johrog l-istallett u bl-id l-ohra jzomm lil Zuraga.) Zuraga, din l-ahhar gidba li ghidt.

ZURAGA: Le, le toqtolnix. M'inhix nigdeb Saledi. Hlomt li tajtni brazzuletta u qed tahseb li veru.

SALEDI: Iva! U li mort tghid kollox lil Harum Abu Hassan, hija holma wkoll? Zuraga, int ma jixraqlekx li tibqa' mal-hajjin.

ENTER LR. (KIF JERGA' L-ISTALLETT JIDHOL JIGRI FEZAN(GENB L.) U JIEQAF FTIT BASSI BOGHOD)

FEZAN: Zomm! Zomm!

Business

SALEDI JIEQAF MIELUH IHARES DAQQA LEJN ZURAGA U DAQQA LEJN FEZAN. ZURAGA TAHRAB MINN IDEJN SALEDI U TITLAQ TIGRI MA' FEZAN B'SALEDI WARAJHOM. JIDHLU U JOHORGU XI TLIET DARBIET; FEZAN U ZURAGA JILHQU JGHADDU X'HIN MIN-NOFS XELLUG JIDHOL HARUM U JARA BISS LIL SALEDI JIGRI. JIEQAF MALLI JISMA' LEHEN HARUM.

HARUM: Saledi! Dan x'tak? Issa int fadallek zmien tilghab mistohbija? Dan dekor ta' Kmandant?

VIA TO 37

SALEDI: Imma, ja sidi, jien m'hinix nilghab mistohbija.

HARUM: Mela dal-giri kollu ghal fejn, qisek id-debba tas-Sultan?

SALEDI: Ghax ja sidi l-Baxa Harum Abu Hasan. Illum ma kellix zmien naghmel l-esercizzi fizici tas-soltu. Jien imdorri li kull filghodu ninzel fil-gnien u naghmel siegha shiha nigri bla waqfien. B'hekk inkun dejjem fuq tieghi u b' sahhti.

HARUM: Kif! Biex izzomm ruhek b'sahhtek, toqghod tigri ghal siegha kuljum!

SALEDI: Den zgur! Int mhux hekk taghmel?

HARUM: Le. Jien ma ghandix ghal fejn nigri. Ghalija bizzejjed noqghod fuq il-qarabaghli.

SALEDI: (B'wiccu jaghmel espressjoni ta' jaqq) Ja sidi, Baxa qalbieni ta' Istanbul, trid tghid li l-qarabaghli biss izommok b'sahhtek?

HARUM: B'sahhti!! Bizzejjed nghidlek li meta nghatas, irrid noqghod b'seba ghajnejn.

SALEDI: Ghal fejn, ja sidi?

HARUM: Il-gimgha l-ohra kont barra u malli ghatast wahda, kont se naqleb kantuniera.

SALEDI: (fil-genb) Zinn!!! Taf li qatt ma kont naf li fil-qarabaghli hemm dis-sahha kollha?

HARUM: Ghandek ragun tistaghgeb, Saledi Ben Mahmud.

SALEDI: Allura meta jispicca l-istagun tal-qarabaghli x'taghmel?

HARUM: Meta l-istagun ikun fl-aqwa' tieghu, in-nies tieghi jimlew mahzen shih u b'hekk ikolli ghas-sena kollha.

SALEDI: Ja sidi, Harum Abu Hasan, aktar ma nitkellem mieghek, aktar nintebah kemm kellu ragun is-Sultan, meta hatretk il-Baxa ta' Istanbul. L-gherf li ghandek huwa xi haga tal-ghageb. (Fil-genb) Mohhok u qarabaghli xorta.

HARUM: (Juri li qed jiehu pjacir) Eh, imma sentejn ilu gratli wahda tinkiteb.

SALEDI: Jaqaw?

HARUM: Il-qarabaghli stivawh hazin u thassar kollu.

SALEDI: Isma' x'kull wahda! Imbaghad x'gara, ja sidi?

HARUM: Niftakar li kont waqajt ghal patata.

SALEDI: Ih, miskin! Kont weggajt?

HARUM: Weggajt?

SALEDI: Meta waqajt ghal patata.

HARUM: Uh le, Saledi Ben Mahmud. Waqajt ghal patata, ifisser: li flok il-qarabaghli, kelli niekol il-patata.

SALEDI: Eh, issa qed nifhem! Ahfirli ja sidi. Taf int, jien m'hinix gharef bhalek.

HARUM: Ma gara xejn, Saledi Ben Mahmud. Imxi mieghi, halli ndewqek ftit qarabaghli minn tieghi.

(JOHORGU MILL-GENB XELLUG)

ENTER

## XENA IX
## SELIKA U FEZAN

(Jidhlu min-nofs lemin, Selika ggebbed lil Fezan minn widintu)

SELIKA: Ejja 'l hawn, ja brikkun l'int.

FEZAN: Ajma! Ajma! Iva hallili widnejja!

SELIKA: Mhux inhallilek widnejk, naqlaghhomlok barra trid tghid.

FEZAN: AJma! Ajma! Iva bil-mod!

SELIKA: Ilbist ta' mara, ja tost! Eh, issa x'fadallek taghmel?

FEZAN: Iskot jahasra, tghajjatx!

SELIKA: Ghal fejn tridni niskot, Fezan El Areb? M'niex qed tibza?

FEZAN: Iva, tghajjatx. Int taf ghaliex ilbist ta' mara?

SELIKA: MELA Le! Dan zgur li naf! Int ilbist ta' mara, biex tkun tista' tidhol fil-harem u toqghod titkessah man-nisa. Ja wicc ta' vili! (Taghtih bil-harta)

FEZAN: Ajma! Ajma! Uh, le, fejn sejra b'rasek? Ilbist ta' mara minhabba f'huk.

SELIKA: Iva, minhabba hija! Ma tibzax mil-qilla tal-profeta Mawmettu? Ma tibzax li jillamtak issa stess?

FEZAN: Nibza mill-Kmandant Saledi, ghax jekk ikun jaf jaghmilni ikkapuljat!

SELIKA: Il-Kmandant Saledi Ben Mahmud x'jidhol f'dil bicca xoghol?

FEZAN: Jekk thallini nfehmek, kollox nghidlek, Selika.

SELIKA: Mela fittex ghidli, qabel naqlalek widnejk u naghtihomlok f'idek.

FEZAN: Selika, int taf li l-Kmandant Saledi kien l-gharus ta' Zuraga, hux hekk?

SELIKA: U b'daqshekk?

FEZAN: Saledi, biex jerga jikseb lil Zuraga, qed jittanta biex joqtol lill-huk.

SELIKA: X'inhi din!!!

FEZAN: Kied jiltaqa' ma' Zuraga biex jiftehmu kif joqtluh.

SELIKA: Imbaghad?

FEZAN: Jiena smajt kollox u ntbaht li Zuraga bezghet, u ma kenitx se tmur. Imbaghad gieni hsieb li nilbes bhala u mmur minn flokha.

SELIKA: Imma nghid jien, dan kollu ghal fejn ghamiltu?

FEZAN Isma x'tghidlek! Biex inkun naf x'ghandu f'mohhu. B'hekk sirt naf, li jrid jixtri l-ghases u joqtol lill-huk dal-lejl stess.

SELIKA: X'wahda din! Imma, donni ma rridx nemmen.

FEZAN: M'intix tar ni liebes ezatt, ezatt bhal Zuraga!!

SELIKA: Iva, iva issa qeghda ninduna. Mela ghalhekk, jien u hija bdejna naraw doppju!!!

FEZAN: Bdejtu taraw doppju! Mela xrobtu xi xarba nbid?

SELIKA: Le, Fezan, ma xrobniex. Imma qara li fl-istess hin, bdejna naraw lil Zuraga u lilek liebes bhala ezatt. Jiena u hija bdejna nahsbu li qed naraw lil Zuraga doppja. (Pawsa) Fezan El Areb mela kull ma ghamilt biex issalva lill-hija!

FEZAN: Dan zgur!

SELIKA: Fezan! Qubbajt tal-gewz tal-Indi!

FEZAN: Sewwa! Issa qubbajt tal-gewz tal-Indi u ftit ilu, ghal ftit ma hallejtnix bla qlugh.

SELIKA: Ghandek ragun, ruhi; imma jien ma kontx naf. (Pawsa) Fezan El Areb, allura ma tahfirlix?

FEZAN: U mela le! Xemx tal-Orjent!

SELIKA: Bahar li jghaddi mill-Kanal tas-Swejz! Isa, imxi, ruhi, halli tbiddel hwejjegek.

VIA
To 39
Bottom
& Change

(JOHORGU MIN-NOFS XELLUG)

XENA X

HARUM U ZURAGA

(Jidhlu mill-genb xellug)

HARUM: Kif! Trid tghid li Saledi Ben Mahmud ghadu bil-hsieb li joqtolni.

ZURAGA: Iva, ja sidi. U jrid joqtlok illejla stess.

HARUM: Ukoll!

ZURAGA: Imma thabbilx rasek. Fezan El Areb, se jahsiblek ghal kollox.

HARUM: Iva? ~~Bravu Fezan! Bravu.~~ (Pawsa) Stenna ftit, mhux se jahsibli ghad-~~difna~~, hux?

ZURAGA: UH, le, x'inti tghid! Se jahseb kif iharislek ~~hajjtek~~.

HARUM: Imma x'se jaghmel?

ZURAGA: Ma nafx. Imma nerga' nghidlek, ma' ghandekx ghal fejn thabbel rasek. Tista' toqghod fuq il-kelma tieg i. Bilhaqq, lil Saledi turih b'xejn. Kompli mieghu, bhalliekieku l-anqas ghandek l-icken hjiel.

HARUM: Imma, Zuraga.....

ZURAGA: M'hemmx imma. Saledi ix-xemx ta' ghada ma jarahiex.

HARUM: Mela ghada mhix tiela' ix-xemx?

ZURAGA: Igifieri sa' ghada jkun mejjet. Issa se taghmel kif qed nghidlek jien?

HARUM: Iva, bukkett tal-qronfol. Hekk se naghmel.

ZURAGA: Ghandek tghid dak il-holm ma kienx ta' xejn. Il-profeta Mawmettu kien qed inebbahni li kien se jigrilek xi haga.

HARUM: Jaqaw hlomt xi holma ohra?

ZURAGA: U trid tara kif qomt imwerwra! Hlomt li qeghda narak tghereq.

HARUM: Mela mhux jien kont.

ZURAGA: Sejjer zball, Harum. Int kont. Int kollok kemm int.

HARUM: U jien nghidlek li ma jistax ikun.

ZURAGA: Ma jistax ikun ghala?

HARUM: Ghaliex jiena qatt ma mmur nghum, daqs kemm nibza' mill-ilma!

ZURAGA: Sewwa taghmel ma tmurx tghum, ruhi, ghax tiddubali xi flissjoni. (Pawsa) Isma' Harum Abu Hasan, imissek tqattihulu lil Fezan. Ara kemm qed jahdem ghalik!

HARUMM Sewwa qeghda tghid, Zuraga. Ta' min jiehu hsiebu. Hmm, taf x'naghmel? Inlahhqu Ambaxxatur u nibghatu ghal tlett snin l-Egittu.

ZURAGA: Le, le. Taghmilx hekk.

HARUM: Ghaliex, Zuraga?

ZURAGA: Jahasra, tbeghdu minn hawn ghal tliet snin!

HARUM: Kif inhi din! Int x'jimpurtak jekk ikunx imbieghed jew qrib?

ZURAGA: (Fil-genb) Issa x'se nghidlu? Ghax...ghax jiena mhux ghalija. Mela nsejt li dak l-gharus t'ohtok? U Selika x'taghmel minghajru?

HARUM: Eh, ghax hemm Selika bilhaqq. Iva, ikolli nahseb xi hag'ohra.

ZURAGA: Dak Harum tieghi, il-kbir Baxa ta' Istanbul, kollox jirranga. Imma kemm int helu! (Tmisslu geddumu)

HARUM: Zuraga, hallili z-zguraga. (Pawsa) Zuraga, mur sib lil Fezan El Areb u lil Kamal El Buzeid u ghidilhom jigu hawn mill-aktar fis. Ghandi mitt sena biex nara x'se jaghmlu.

ZURAGA: Kollox sew. Arani sejra nfittixhom.
(Zuraga tohrog tizzegleg min-nofs xellug: <u>Kif tasal hdejn il-bieb...</u>)

ZURAGA: Gejjin 'l hawn, ja sidi. Salaam.

<u>(U Tibqa' hierga)</u>

<u>XENA XI</u>

<u>HARUM, FEZAN, KAMAL, IMBAGHAD SALEDI</u>

<u>(Jidhlu Fezan u Kamal min-nofs xellug)</u>

HARUM: Kont qed nistennikhom fuq ix-xwiek. Irrid naf sew x'qed jigri.

FEZAN: Tinkwietax ruhek, ja sidi; diga hsibna ghal kollox.

HARUM: Imma jien irrid naf x'se taghmlu.

KAMAL: FTEHMNA mal-qaddej Ibrahim, biex jghid lill-Kmandant Saledi Ben Mahmud, li int qed tistennih hawn.

HARUM: Imbaghad?

FEZAN: Mela l-Kmandant Saledi jkun hawn, Ibrahim igibilna erba' tazzi imbid.

HARUM: X'inhu! Ta' min jisqih l-inbid ukoll, ja bicca ta' kukkudrill ibbalzmat! Dak ta' min jisqih il-velenu!

KAMAL: Hekk se naghmlu ja sidi Baxa ta' Istanbul. Wahda mit-tazzi se tkun bil-velenu.

HARUM: Bil-velenu!

FEZAN: Iva, ja sidi. Kif imissu ma' xuftejh, idur dawra u jibbies.

HARUM: Imma kif se nkunu nafu liema tazza tkun bil-velenu?

KAMAL: Billi tkun differenti mit-t ieta l-ohra.

HARUM: Bravi, bravi tassew. Ghandi ragun inhobbkom. Intom k-izjed qaddejja fidili li ghandi mieghi.

(JIDHOL SALEDI MILL-GENB XELLUG)

SALEDI: Sliem ghalik, ja sidi. Il-qaddej Ibrahim qalli li ridt tarani.

HARUM: Hmm, iva, iva. Sewwa qallek.

SALEDI: Inqala' xi haga,

KAMAL: (Fil-genb) Kieku wahhalniha.

FEZAN: Ghax il-Baxa Harum Abu Hasan....ghidlu, ja sidi

HARUM: Hm, iva. X'konna qeghdin nghidu?

FEZAN X'konna qeghdin nghidu, Kamal El Buzeid?

KAMAL: Mhux fuq l-ahhar battalja li kellna?

(MINN GEWWA JINSTEMA' GHAJJAT AD LIB. MINN ZURAGA U SELIKA
(Jidhlu jghajjatu min-nofs xellug)

HARUM: Din x'gharukaza hi? Ma tisthux!

ZURAGA: Ghax Selika qeghda tghajjarni halliela.

SELIKA: Iva, halliela! Harum, Zuraga serqitli t-tanbur.

HARUM: It-tanbur! Mela daz-zmien qeghda ddoqq fil-banda!

SELIKA: Uh, le. It-tanbur tar-rakkmu. Ja halliela!

ZURAGA: Mhux tassew. U lili tghajjarnix halliela.

SELIKA Nghajjrek iva, g ax int m'int xejn. Lilek gbarnik.

SALEDI: EH, le. Hekk le. Ma nippermettilekx izjed li tinsolenta l-gharusa tieghi.

HARUM: X'inhi din! Zuraga hija l-gharusa tieghi u ta' hadd izjed

SALEDI ZUraga hija l-gharusa tieghi.

HARUM: Zuraga hija tieghi.

SAIDI: Jew tkun tieghi, jew ta' hadd.

KAMAL: Stennew, stennew. Jekk tisimghuni ftit, jien ghandi pjan, biex dil-bicca xoghol tigi rrangata malajr.

FEZAN: TKEllem, tkellem, Kamal El Buzeid.

KAMAL: Lil Zuraga triduha t-tnejn, hux hekk?

HARUM: Irridha jien.

SALEDI: Irridha jien.

SELIKA: Iva, halluh jitkellem.

KAMAL: Araw, biex nispiccawha bl-unur ghal kulhadd, naghtu permess lil Zuraga li taghzel lil min trid; bil-patt li nweghdu quddiem il-profeta Mawmettu li kulhadd icedi ghax-xewqa taghha.

FEZAN: PROSTT. Hsibtha tajjeb tassew.

SELIKA: Ma setax jahsibha ahjar.

SALEDI: Tajjeb, jien incedi.

HARUM: U jien ukoll.

KAMAL: Mela Zuraga, ara lil min trid b'gharus tieghek. (ZURAGA TERSAQ LEJN SALEDI. DAN JIFRAH WAQT LI HARUM JIRRABJA)

ZURAGA: Saledi Ben Mahmud....(Iddur mieghu u titkessahlu) lilek....

SALEDI: Iva?

ZURAGA: Kbir Kmandant.....

SALEDI: Iva?

ZURAGA: Lilek ma nhobbokx.

KAMAL` (Fil-genb) Hareg ta' ragel.

(HARUM JIDHAK, SALEDI JIRRABJA)

ZURAGA: (Iddur ma' Harum u titkessahlu) Harum Abu Hasan...

HARUM: Iva?

SELIKA: Dalwaqt iddub!

ZURAGA: O Kbir Baxa ta' Istanbul....

HARUM. Iva? Xi hlew!

ZURAGA: Lilek ma rridekx

HARUM: X'inhu! (Jirrabja)

SALEDI: (Jidhak) Daqsi hareg ta' ragel!

ZURAGA: Lilkom it-tnejn ma nhobbkomx. Jien inhobb lil Fezan.

FEZAN: Issa sew! X'ghamilt, ja minghul?

HARUM: Jiena ma ncedix.

SALEDI: U l-anqas jien.

SELIKA: X'intom tghidu? Mela qeghdin tiggennu!!! Mela tridu li l-Profeta Mawmettu jibghat xi sajjetta! Ahfrilhom! Ahfrilhom.

(Tinzel issalli. Harum u Saledi jaghmlu l-istess. L-ohrajn jaghmlu bhalhom. Wara ftit jieqfu u jqumu bil-wieqfa.)

HARUM: Selika, mela nsejt li int l-gharusa ta' Fezan? Issa x'se taghmel?

SELIKA: La gara hekk, sinjal car li l-profeta irid ħekk. U la l-profeta irid hekk, hekk isir.

(Terga tinzel issalli. L-ohrajn ukoll)

KAMAL: (Quddiem Saledi, jidhak kemm jiflah) Kmandant Saledi Ben Mahmud, bqajt b'xiber imnieher!

SALEDI: (Jaqbdu minn ghonqu) Int! Int twaqqa* lili ghazzufjett!!!

SELIKA: Stenna, stenna int! (Tnehhilu jdejh u timbuttah. Kamal imur warajh)

HARUM: Selika!

SELIKA: Int x'ilhaqt hawn gew, biex tiehu l-kmand f'idejk? Int min tahseb li int?

HARUM: Sewwa qaltlek. Int x'ilhaqt?

SALEDI Kif, ja sidi, int se thalli li l-Kmandant tal-Qawwiet tas-Sultant, jigi mzeblah fil-Palazz tal-Kbir Baxa' ta' Istaħbul!

HARUM: Dan zgur li le!!! Kamal, se naghti ordni biex jitfghuk fiz-zejt jaghli.

KAMAL: Le, ja sidi! Ahfirli!

SELIKA: Kamal, ejja hdejja. Tibzax hadd ma hu se jmissek. Miskin hu min jerfa'jdejh fuqek!

HARUM: Selika, x'ifisser dan kollu?

SELIKA: Ifisser li jiena nhobb lil Kamal El Buzeid u minn issa stess, se jkun l-gharus tieghi.

HARUM: Eh, hekk hag'ohra. Brava, nifrahlek. Kamal aqta' kemm qed niehu pjacir!

KAMAL: Wicc ta' fekrun, qisu raddiena!

SELIKA: Kamal, trid tkun l-gharus tieghi?

KAMAL: Hemm bzonn tistaqsini, qubbajt bil-gellewz!

ZURAGA: Fezan!

FEZAN: Zuraga, int il-vera zugraga.

SALEDI: Sewwa, kulhadd ma tieghu u jien u int bqajna nsaffru.

HARUM: Mill-lum 'l hemm ma nitgharresx mara wahda biss.

SALEDI: Le, ja sidi?

HARUM: Wahda li hi wahda, qatt. Il-gimgha ddiehla nitgharras sitta f'daqqa. (KULHADD JIDHAK)

SIPARJU - TMIEM